



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Novembru 2022
(OR. en)

15137/22

COVEME 1

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Novembru 2022
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2022) 664 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL Dwar il-Progress fir-Rumanija skont il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2022) 664 final.

Mehmuż: COM(2022) 664 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 22.11.2022
COM(2022) 664 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-
KUNSILL**

Dwar il-Progress fir-Rumanija skont il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika

1. INTRODUZZJONI

Il-Mekkaniżmu għall-Kooperazzjoni u l-Verifika (MKV) ġie stabbilit għall-adeżjoni tar-Rumanija fl-UE fl-2007 bħala miżura tranżitorja li tiffaċilita l-isforzi kontinwi tar-Rumanija biex tirriforma l-ġudikatura tagħha u biex tintensifika l-għieda kontra l-korruzzjoni¹. Dan irrappreżenta impenn konġunt tal-Istat Rumen u tal-UE. F'konformità mad-deċizzjoni li tistabbilixxi l-mekkaniżmu u kif issottolinjat mill-Kunsill u kkonfermat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE)², il-MKV jitwaqqaf meta l-parametri referenzjarji³ kollha ddefiniti għar-Rumanija jintlaħqu b'mod sodisfaċenti.

Il-ħidma fil-qafas tal-MKV ilha għaddejja mill-2007 biex tħeġġeġ u ssegwi l-proċess ta' riforma, fuq il-bażi tal-parametri referenzjarji. F'Jannar 2017, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni komprensiva tal-progress matul l-għaxar snin tal-mekkanizmu⁴, li tat stampa ċara tal-progress sinifikanti li sar. Il-Kummissjoni stabbiliet tnax-il rakkomandazzjoni speċifika li, meta jiġu ssodisfati b'mod irriversibbli, ikunu biżżejjed biex jintemm il-proċess tal-MKV, dment li madankollu ma jkun hemm l-ebda żvilupp b'tali mod li jreġġa' lura b'mod ċar il-progress.

Minn dak iż-żmien, il-Kummissjoni wettqet erba' valutazzjonijiet tal-progress dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Ir-rapporti mill-aħħar tal-2017 sal-2019 kienu kkaratterizzati minn momentum ta' riforma li qed jonqos. Il-passi meħuda mir-Rumanija fetħu mill-ġdid kwistjonijiet li r-rapport ta' Jannar 2017 kien qies bħala magħluqa, u saru rakkomandazzjonijiet addizzjonali⁵. Kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikkondividew dan it-thassib⁶. Madankollu, ir-rapport ta' Ġunju 2021 seta' jimmarka progress sostanzjali, b'ħafna rakkomandazzjonijiet jaslu biex jintlaħqu jekk il-progress jibqa' stabbli⁷.

F'dawn l-aħħar snin, l-UE żviluppat b'mod konsiderevoli s-sett ta' għodod tagħha biex jiġi rrispettat l-istat tad-dritt madwar l-UE⁸. Uħud mill-għodod huma ta' rilevanza diretta għall-isforzi tal-UE biex tappoġġa lir-Rumanija fil-proċess ta' riforma. B'riżultat ta' dan, hemm għadd ta' linji ta' monitoraġġ issa fis-seħħ li jħarsu lejn kwistjonijiet koperti mill-parametri referenzjarji tal-MKV.

Is-sistema ġudizzjarja b'mod ġenerali, inkluż ir-riforma tas-sistema ġudizzjarja, kif ukoll l-oqfsa kontra l-korruzzjoni, huma tnejn mill-oqsma koperti għall-Istati Membri kollha skont ir-Rapporti annwali dwar l-Istat tad-Dritt⁹. Dan il-proċess li għaddej ta' koordinazzjoni u

¹ Il-Mekkaniżmu ġie stabbilit permezz tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2006 (C(2006) 6569) b'segwitu għall-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-Ministri, is-17 ta' Ottubru 2006 (13339/06).

² Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Mejju 2021 fil-Kawżi Magħquda C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-294/19, C-355/19 u C-379/19, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" u Oħrajn, il-paragrafu 164.

³ Il-parametri referenzjarji għar-Rumanija jittrattaw l-effettività u t-trasparenza tas-sistema ġudizzjarja, l-istituzzjonijiet ewlenin f'oqsma bħall-integrità u l-għieda kontra l-korruzzjoni fil-livelli kollha, u l-prevenzjoni tal-korruzzjoni.

⁴ COM(2017) 44.

⁵ COM(2017) 751; COM(2018) 851; COM(2019) 499.

⁶ Riżoluzzjoni mhux leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew dwar l-istat tad-dritt fir-Rumanija tat-13 ta' Novembru 2018, P8_TA-PROV (2018) 0446. Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2018 https://ec.europa.eu/info/sites/info/files/2018-st15187_en.pdf

⁷ COM(2021) 370.

⁸ Strument ieħor li ilu fis-seħħ mir-Rapport tal-MKV tal-2018 huwa r-Regolament dwar ir-reġim ta' kundizzjonalità tal-istat tad-dritt għall-protezzjoni tal-baġit tal-UE (ir-Regolament 2020/2092, ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1-10).

⁹ Sa issa l-Kummissjoni adottat tliet rapporti dwar l-Istat tad-Dritt: COM(2020) 580; COM(2021) 700; u COM(2022) 500. Dawn kienu jinkludi kapitoli speċifiċi dwar ir-Rumanija: SWD(2020) 322; SWD(2021) 724; SWD(2022) 523.

monitoraġġ imur lil hinn mill-kuntest speċifiku ta' wara l-adeżjoni li skatta l-MKV. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-Rapporti dwar l-Istat tad-Dritt jestendi għal kwistjonijiet b'impatt importanti fuq il-kapaċità ta' riforma u s-sostenibbiltà, bħall-kwalità tal-leġislazzjoni u l-proċess leġislattiv, ir-rwol tal-istituzzjonijiet indipendenti fl-iżgurar ta' kontrolli u bilanċi, l-ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili, kif ukoll il-libertà u l-pluraliżmu tal-midja. Ir-rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt kien jinkludi għall-ewwel darba rakkomandazzjonijiet lill-Istati Membri kollha, biex jappoġġawhom fir-riformi tagħhom fl-erba' oqsma ta' rapportar, inkluż għar-Rumanija¹⁰. L-awtoritajiet Rumani kkooperaw b'mod attiv u kostruttiv mal-Kummissjoni fiċ-ċiklu tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt.

Għadd ta' kwistjonijiet relatati mal-istat tad-dritt – b'mod partikolari l-effettività tas-sistemi ġudizzjarji, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kwalità u l-inklużività tal-proċess tat-tfassil tal-liġijiet – huma wkoll parti mis-Semestru Ewropew, minħabba l-impatt tagħhom fuq l-ambjent tan-negozju, l-investiment, it-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi. Barra minn hekk, il-Pjan Rumani għall-Irkupru u r-Reżiljenza Rumani, ivvalutat b'mod pożittiv mill-Kummissjoni u adottat mill-Kunsill fit-3 ta' Novembru 2021¹¹, jinkludi stadji importanti konkreti li jitttraww kwistjonijiet koperti mill-MKV li huma ċentrali għall-proċess ta' riforma, bħar-riforma tas-sistema ġudizzjarja u l-oqfsa kontra l-korruzzjoni¹².

Dan ir-rapport iqis il-progress li sar mir-Rumanija biex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet pendenti tal-MKV u t-twettiq tal-parametri referenzjarji tal-MKV minn Ġunju 2021. Bħal fis-snin preċedenti, dan ir-rapport huwa r-riżultat ta' proċess ta' analiżi bir-reqqa mill-Kummissjoni, li jislet mill-kooperazzjoni mill-qrib mal-istituzzjonijiet Rumani, is-soċjetà ċivili u l-partijiet ikkonċernati l-oħra¹³.

2. VALUTAZZJONI TAL-PROGRESS FIT-TWETTIQ TAR-RAKKOMANDAZZJONIJIET

Din it-taqsimha tivvaluta l-progress fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni f'rapporti preċedenti tal-MKV, u b'mod speċifiku t-12-il rakkomandazzjoni ta' Jannar 2017 u t-tmien rakkomandazzjonijiet addizzjonali ta' Novembru 2018. It-twettiq tar-rakkomandazzjonijiet kollha li jifdal jippermetti li jitlesta l-MKV. Dawn jirrappreżentaw il-passi essenzjali meħtieġa biex jiġi konsolidat il-proċess ta' riforma fuq perkors sostenibbli għall-futur, fejn l-enfasi tal-kooperazzjoni mar-Rumanija se tkun fuq it-tkomplija tal-implimentazzjoni tar-riformi, bħala parti mir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt.

2.1. L-Ewwel Parametru Referenzjarju: L-Indipendenza tal-ġudikatura u r-Riforma tas-sistema ġudizzjarja¹⁴

Il-liġijiet tal-ġustizzja u l-garanziji legali għall-indipendenza ġudizzjarja

¹⁰ COM(2022) 500, l-Anness u l-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fir-Rumanija.

¹¹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 12319/21, tat-3 ta' Novembru 2021. Fit-test hemm referenza għal stadji importanti speċifiċi.

¹² It-twettiq ta' dawn l-istadji importanti se jiġi valutat skont il-proċedura dedikata fid-dawl tal-kriterji previsti fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (Recovery and Resilience Plan, RRP) tar-Rumanija.

¹³ Is-servizzi tal-Kummissjoni organizzaw missjoni ta' ġbir ta' informazzjoni f'Novembru 2022. Laqgħat online inkludew il-Ministru għall-Ġustizzja, Membri tal-Parlament Rumani, il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, il-Qorti Superjuri tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja, il-Prosekutur Ġenerali, id-Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni, l-Aġenzija Nazzjonali tal-Integrità, l-Aġenzija Nazzjonali għall-Ġestjoni ta' Assi Sekwestrati (ANABI), organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u assoċjazzjonijiet ġudizzjarji.

¹⁴ Il-parametri referenzjarji sħaħ tad-Deċiżjoni oriġinali tal-MKV jinsabu fl-Anness.

Rakkomandazzjonijiet tal-2018

- *Tiġi sospiża immedjatament l-implimentazzjoni tal-liġijiet tal-ġustizzja u l-Ordinanzi ta' Emerġenza sussegwenti.*
- *Jiġu riveduti l-liġijiet tal-ġustizzja u jieħdu kont sħiħ tar-rakkomandazzjonijiet skont il-MKV u maħruġa mill-Kummissjoni ta' Venezja u mill-GRECO.*

Tliet liġijiet tal-gustizzja¹⁵ jiddefinixxu l-istatus tal-maġistrati u jorganizzaw is-sistema ġudizzjarja u l-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura. Għaldaqstant, dawn huma kruċjali biex tkun żgurata l-indipendenza tal-maġistrati u l-funzjonament tajjeb tal-ġudikatura. Fl-2018 u l-2019, l-emendi għal dawn il-liġijiet tal-ġustizzja kellhom impatt serju fuq l-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja. Il-kwistjonijiet ewlenin identifikati kienu jinkludu l-ħolqien ta' taqsima ddedikata għall-investigazzjoni ta' reati kriminali fil-ġudikatura (SIIJ), is-sistema ta' responsabbiltà ċivili tal-imħallfin u tal-prosekuturi, l-iskemi ta' rtirar bikri, l-ingaġġ fil-professjoni, u l-istatus u l-ħatra ta' prosekuturi bi grad għoli. L-implimentazzjoni tal-liġijiet emendati ma damitx ma kkonfermat it-tħassib, u l-emerġenza ta' kwistjonijiet oħra fis-snin ta' wara, uriet b'mod ċar il-ħtieġa għal reviżjoni ġenerali tal-ligijiet¹⁶.

Riflessjonijiet dwar kif jiġu emendati t-tliet liġijiet inbdew f'Settembru 2020 u kisbu momentum fir-rebbieġha 2022¹⁷, b'konsultazzjoni ġdida mnedija mill-Ministeru għall-Ġustizzja f'Ġunju 2022. Il-konsultazzjoni wasslet għal abbozzi riveduti ppreżentati għal opinjoni lill-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura (KSM). L-opinjoni tiegħu f'Awwissu 2022 wasslet għat-tressiq ta' verżjoni riveduta oħra tal-liġijiet fil-Parlament, u l-proċess parlamentari ġie konkluż f'Ottubru 2022¹⁸. Diversi dispożizzjonijiet tal-liġijiet adottati ġew ikkontestati quddiem il-Qorti Kostituzzjonali Rumena, li ċaħdet l-isfidi kollha. Il-liġijiet ġew promulgati mill-President tar-Rumanija fil-15 ta' Novembru¹⁹. Ir-reviżjoni tal-liġijiet tal-ġustizzja hija wkoll objettiv intermedju skont il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tar-Rumanija²⁰.

Il-Gvern ikkunsidra li l-opinjonijiet preċedenti tal-Kummissjoni ta' Venezja kienu għamluha ċara l-pożizzjonijiet tagħha u kienu tqiesu fil-liġijiet riveduti, anki jekk l-abbozzi finali ma kinux intbagħtu speċifikament għall-konsultazzjoni qabel is-sottomissjoni tagħhom lill-Parlament. Madankollu, l-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa ħatfet lill-Kummissjoni ta' Venezja. Wara talba mill-awtoritajiet Rumeni biex jittrattaw l-opinjoni fi proċedura urġenti, il-Kummissjoni ta' Venezja ħejjiet opinjoni urġenti dwar it-tliet liġijiet tal-

¹⁵ Il-Liġi 207/2018 li temenda l-Liġi 304/2004 dwar l-organizzazzjoni ġudizzjarja; Il-Liġi 234/2018 li temenda l-Liġi 317/2004 dwar il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura; Il-Liġi 242/2018 li temenda l-Liġi 303/2004 dwar l-istatut tal-imħallfin u tal-prosekuturi. Il-liġijiet reġġu ġew modifikati permezz tal-Ordinanzi ta' Emerġenza tal-Gvern fl-2018 u fl-2019.

¹⁶ Pereżempju, regoli ta' ħatra għall-Qorti Superjuri tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja u għall-Ispezzjoni Ġudizzjarja. Ara d-dettalji fir-Rapport tal-MKV tal-2019 COM(2019) 499.

¹⁷ Għal dettalji tal-iżviluppi bejn Settembru 2020 u Ġunju 2022, ara r-Rapport tal-MKV tal-2021 u l-kapitolu tal-pajjiż dwar ir-Rumanija fir-rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt.

¹⁸ Kunitat parlamentari konġunt speċjali taż-żewġ Kmamar eżamina l-liġijiet skont proċedura parlamentari urġenti li bdiet fit-12 ta' Settembru. Il-proċess parlamentari ntemm fis-17 ta' Ottubru wara vot pożittiv fis-Senat.

¹⁹ Il-liġijiet ġew ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali fis-16 ta' Novembru.

²⁰ Objettiv Intermedju 423 tal-RRP tar-Rumanija, intitolat 'Dħul fis-seħħ tal-“Liġijiet tal-ġustizzja” (liġijiet dwar l-istatus tal-maġistrati, l-organizzazzjoni ġudizzjarja, il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura).'

ġustizzja, ippubblikata fit-18 ta' Novembru²¹. Din l-opinjoni se tiġi ppreżentata għall-approvazzjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja fis-sessjoni plenarja ta' Diċembru 2022.

Ir-reviżjonijiet adottati għal-liġijiet jikkostitwixxu tiġdid importanti tal-qafas leġislativ. Rapporti preċedenti qajmu kwistjonijiet dwar l-istrutturi u l-proċeduri, bħaż-żarmar tal-SIJJ, ir-reġimi dixxiplinarji, ċivili u tar-responsabbiltà kriminali għall-imħallfin u għall-prosekuturi, l-akkontabbiltà u l-ħatra tal-maniġment tal-Ispezzjoni Ġudizzjarja, u l-proċeduri tal-ħatra u tas-sensja tal-prosekuturi anzjani, kif ukoll ir-rwol tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja u l-KSM. Huwa importanti wkoll l-impatt tar-riformi fuq l-indipendenza u l-organizzazzjoni tal-karriera tal-maġistrati.

Il-liġijiet tal-ġustizzja riveduti rrifirmaw ir-reġim ta' responsabbiltà ċivili għall-imħallfin u l-prosekuturi, li indirizzat il-kwistjoni li ilha teżisti identifikata fir-rapporti tal-MKV²², ir-Rapporti dwar l-Istat tad-Dritt kif ukoll fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja²³. Il-liġi l-ġdida dwar l-istatus tal-maġistrati tipprevedi li, meta attur jippreżenta talba għal kumpens għal nuqqas ta' ġustizzja, il-Ministeru għall-Finanzi jinnotifika minnufih lill-maġistrat ikkonċernat, li jista' japplika biex jintervjeni fl-ewwel sett ta' proċeduri kontra l-Istat. Barra minn hekk, il-Ministeru għall-Finanzi jista' jressaq azzjoni ta' rikors kontra l-maġistrat biss jekk it-taqsimi rilevanti tal-KSM issib l-eżistenza ta' *mala fide* jew negliġenza serja fin-nuqqas ta' ġustizzja, fuq il-bażi ta' rapport imfassal mill-Ispezzjoni Ġudizzjarja. Qabel, il-Ministeru seta' jippreżenta l-azzjoni irrispettivament mill-konklużjonijiet tar-rapport tal-Ispezzjoni Ġudizzjarja.

Ġew stabbiliti wkoll aktar salvagwardji fir-rigward tar-responsabbiltà dixxiplinarja tal-maġistrati. Fuq il-mertu, ġew aboliti r-reati dixxiplinarji li ġġeneraw tħassib dwar l-indipendenza ġudizzjarja²⁴ u s-supremazija tad-dritt tal-Unjoni²⁵. Fl-istess ħin, l-estensjoni ta' reat dixxiplinarju ieħor biex ikopri l-espressjoni ta' opinjonijiet politiċi mhux biss fil-qadi tad-dmirijiet, iżda wkoll b'mod aktar ġenerali l-espressjoni ta' tali fehmiet fil-pubbliku, jeħtieġ li tiġi monitorjata biex jiġi żgurat li ma tirrestrinġix indebitament il-libertà tal-kelma tal-maġistrati. Dwar l-aspetti proċedurali, id-deċiżjonijiet tat-taqsimiet tal-KSM fi kwistjonijiet dixxiplinarji issa jridu jkunu motivati u notifikati mingħajr dewmien lill-maġistrat ikkonċernat. Il-liġi tipprevedi wkoll it-tħassir ta' sanzjonijiet dixxiplinarji mir-

²¹ L-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja CDL-PI(2022)047.

²² Ara b'mod partikolari r-Rapport tekniku tal-2018 (SWD(2018) 551 final), u r-Rapport tal-2021 dwar l-Istat tad-Dritt - il-kapitolu tal-pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fir-Rumanija. Ir-regoli li kienu fis-seħħ preċedement qajmu tħassib minħabba s-setgħa mogħtija lill-Ministeru għall-Finanzi, li jista' jivvaluta jekk żball ġudizzjarju twettaqx b'*mala fide* jew b'negliġenza serja u, sussegwentement, jibda azzjonijiet ta' rkupru kontra l-imħallfin għad-dannu kkawżat.

²³ Fis-Sentenza tagħha tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor Din România" u Ohrajin, fil-Kawża Magħquda C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-294/19, C-355/19 u C-379/19, il-paragrafi 233-241, il-QĠUE ddeċidiet li d-drittijiet ta' difiża tal-imħallfin jenħtieġ li jiġu rispettati bis-siġħ, li qorti jenħtieġ li tiddeċiedi dwar ir-responsabbiltà personali tal-imħallfin u li l-liġi għandha ttipprovdi b'mod ċar u preċiż il-garanziji meħtieġa li jiżguraw li la l-investigazzjoni u lanqas l-azzjoni għal indennizz ma jistgħu jiġu kkonvertiti fi strument ta' pressjoni fuq l-attività ġudizzjarja.

²⁴ Dan ir-reat jikkonċerna "azzjonijiet li jaffettwaw l-unur, l-integrità professjonali, jew il-prestiġju tal-ġustizzja, imwettqa matul it-tweġġ jew barra mit-tweġġ tad-dmirijiet tax-xogħol."

²⁵ Ir-reat ta' "nuqqas ta' konformità mad-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali jew id-deċiżjonijiet maħruġa mill-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja fir-risoluzzjoni ta' appelli fl-interess tal-liġi", li jesponi lill-imħallfin għar-responsabbiltà dixxiplinarja meta ma japplikawx is-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali li jipprojbixxuhom milli jeżaminaw il-konformità mad-dritt tal-UE tad-dispożizzjonijiet tal-liġi domestika, ara s-sentenza tal-QĠUE tat-22 ta' Frar 2022, RS, fil-Kawża C-430/21, il-paragrafi minn 79 sa 93.

rekord tal-maġistrat tliet snin mid-*data* tal-infurzar tagħhom, jekk il-maġistrat ma jkunx soġġett għal sanzjoni dixxiplinarja ġdida matul dan il-perjodu.

Fir-rigward tal-proċedura dixxiplinarja nnifisha, qed jiġu introdotti wkoll skadenzi aktar stretti għall-KSM biex jiġġustifika d-deċiżjonijiet dixxiplinarji tiegħu²⁶. Wieħed mit-tħassib li fadal hija l-possibbiltà għall-Ispezzjoni Ġudizzjarja li tikkontesta deċiżjoni tat-taqsima dixxiplinarja tal-KSM²⁷.

Il-liġijiet tal-ġustizzja jintroduċu xi modifiki importanti rigward l-organizzazzjoni tal-karriera tal-maġistrati. It-tul ta' żmien tat-taħriġ fl-Istitut Nazzjonali tal-Maġistratura (National Institute of Magistracy, NIM) żdied minn sentejn għal tliet snin. Filwaqt li dan jista' jkollu effett aktar fit-tul fuq id-daqs tal-grupp ta' maġistrati ġodda disponibbli²⁸, jippermetti wkoll aktar żmien għat-taħriġ Prattiku tagħhom. Dispożizzjonijiet modifikati oħra jikkonċernaw ir-rekwiżiti ta' anzjanità għall-promozzjonijiet għall-qrati superjuri u l-uffiċċji tal-prosekutur, li b'mod ġenerali żdiedu²⁹. Għall-ħatriet fis-servizzi speċjalizzati tal-prosekuzzjoni, id-Dipartiment Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni (DNA) u d-Direttorat għall-Investigazzjoni tal-Kriminalità Organizzata u t-Terroriżmu (DIICOT), ir-rekwiżiti ta' anzjanità nżammu għal għaxar snin, b'perjodu tranżitorju temporanju biex jittaffa l-impatt possibbli fuq ir-riżorsi umani. L-impatt konkret tar-rekwiżiti l-ġodda ta' anzjanità fuq ir-riżorsi umani ladarba l-miżura temporanja titneħħa gradwalment għad irid jidher. Il-liġi żżomm iż-żewġ tipi eżistenti ta' promozzjoni fil-qrati tal-appell, it-tribunali u l-uffiċċji tal-prosekutur marbuta magħhom, iżda tissospendi d-dispożizzjonijiet relatati mal-promozzjonijiet kompetittivi fil-post sa Diċembru 2025, li jippermetti biss promozzjonijiet effettivi matul dan il-perjodu³⁰. Ġew introdotti regoli ġodda għall-promozzjoni tal-imħallfin fil-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja (High Court of Cassation and Justice, HCCJ), fejn il-promozzjonijiet fuq il-bażi ta' test tal-għażla kompetittiv ġew sostitwiti minn għażla bbażata fuq evalwazzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji meħuda mill-kandidati matul l-attività kollha tagħhom fil-Qorti tal-Appell u intervista quddiem it-taqsima għall-imħallfin tal-KSM³¹. Ladarba jiġu promossi għall-HCCJ, l-imħallfin jiġu esklużi wkoll minn evalwazzjonijiet professjonali ulterjuri. Bidliet sinifikanti oħra huma relatati mal-ħatriet ta' manijers tat-tieni linja fi qrati distrettwali, tribunali, tribunali speċjalizzati, qrati tal-appell u l-uffiċċji tal-prosekuturi

²⁶ Dawn issa għandhom jiġu motivati mingħajr dewmien, minflok l-iskadenza preċedenti ta' 20 jum, li spiss ġiet injorata.

²⁷ "Ladarba l-bord dixxiplinarju tal-Kunsill Ġudizzjarju Suprem ikun iddeċieda favur l-imħallf, jenħtieġ li din id-deċiżjoni tkun finali" (CDL-AD (2002) 015, Opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar l-Abbozz ta' Liġi dwar l-Emendi għall-Att dwar is-Sistema Ġudizzjarja Bulgara).

²⁸ L-opinjoni tal-KSM dwar l-abbozzi ta' liġijiet enfasizzat riskju li din iż-żieda jkollha impatt sinifikanti fuq ir-riżorsi umani u l-ammont ta' xogħol tal-qrati u tal-uffiċċji tal-prosekuturi, b'konsegwenzi potenzjali għall-kwalità tal-ġustizzja. L-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet u l-impatt Prattiku tagħhom fuq l-ammont ta' xogħol u t-trattament effiċjenti tal-kawżi se jkomplu jiġu monitorjati skont ir-rapporti dwar l-Istat tad-Dritt.

²⁹ Dawn issa huma seba' snin għat-tribunali, disa' snin għall-Qrati tal-Appell, għaxar snin għall-Uffiċċju tal-Prosekutur marbut mal-HCCJ.

³⁰ Dawn huma l-promozzjonijiet "fil-post", li huma bbażati fuq ir-riżultati miksuba fil-kompetizzjonijiet tal-promozzjoni, u l-promozzjoni effettiva, li hija bbażata fuq l-evalwazzjoni tal-attività tal-maġistrati matul l-aħħar snin. Mill-2025, il-promozzjonijiet fil-post huma previsti li jiġu limitati għal 20 % tal-għadd totali ta' pożizzjonijiet vakanti. Dawn ir-restrizzjonijiet fuq dak li jidher li huwa proċedura ta' promozzjoni aktar oġġettiva u meritkratika ġew ikkritikati minn xi assoċjazzjonijiet tal-maġistrati fir-Rumanija.

³¹ Din il-modifika ġiet ikkritikata wkoll minn xi assoċjazzjonijiet tal-maġistrati u organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, li jargumentaw li tnaqqas il-karattru meritkratiku u kompetittiv tal-proċedura. Min-naħa l-oħra, il-KSM argumenta li s-sistema attwali ma kinitx qed taħdem b'mod effiċjenti u li, f'dak il-livell ta' anzjanità, it-testijiet ibbażati fuq l-għarfien għall-imħallfin huma inqas rilevanti minn analiżi tal-prestazzjoni tagħhom fil-ġudikatura.

marbuta magħhom, li ma għadhomx isiru permezz ta' eżamijiet kompetittivi, iżda sempliċiment fuq proposta mill-president tal-qorti jew mill-kap tal-uffiċċju tal-prosekutur.

L-opinjoni urġenti tal-Kummissjoni ta' Venezja tiffoka fuq għadd limitat ta' suġġetti, li jikkonċernaw ir-responsabbiltà ċivili u dixxiplinarja tal-maġistrati u l-kompetizzjonijiet għall-ammissjonijiet fil-ġudikatura, kif ukoll il-ħatra u t-tneħħija ta' prosekuturi speċjalizzati u ta' livell għoli. L-opinjoni tikkonkludi li b'mod ġenerali l-liġijiet jidhru li mexjin fid-direzzjoni t-tajba, għalkemm il-Kummissjoni ta' Venezja esprimiet dispjaċir li l-Gvern Rumen ma bagħatx il-liġijiet għall-konsultazzjoni kif imħabbar. Ġew innotati elementi pożittivi dwar il-ħatra u s-senja ta' prosekuturi ta' livell għoli (ara wkoll hawn taħt). Barra minn hekk, l-opinjoni tinnota li hemm salvagwardji kontra l-inđhil politiku fil-ħidma tad-DNA kif ukoll limitazzjoni ċara tas-setgħat tal-Prosekutur Ġenerali fir-rigward tad-DNA u d-DIICOT, kif ukoll tal-kontroll tal-Ministru għall-Ġustizzja (limitat għal kwistjonijiet manigġerjali). Madankollu, il-Kummissjoni ta' Venezja ħarġet diversi rakkomandazzjonijiet li jistgħu jimplikaw aktar bidliet immirati għal-liġijiet bħall-estensjoni tat-tul ta' żmien tal-mandati ta' prosekuturi għolja mit-tliet snin attwali u l-eliminazzjoni tal-possibbiltà ta' tiġdid ta' mandati, kif ukoll it-tisħiħ ta' salvagwardji jekk il-Prosekutur Ġenerali jannulla d-deċiżjonijiet ta' prosekuturi regolari. Bidliet proposti oħra jinkludu għażla kompetittiva għal viċi manigġers fil-qrati u l-uffiċċji tal-prosekutur u li jiġi stabbilit b'mod ċar li l-uffiċċjali tal-pulizija ġudizzjarja ssekondati fl-uffiċċji tal-prosekuzzjoni ma jistgħux jirrapportaw lill-Ministru għall-Intern.

Fir-rigward tal-SIJJ, abbozz ta' liġi inizjali biex jiżżarma dan il-korp tressaq fil-Parlament fi Frar 2021. Minkejja l-adozzjoni fil-Kamra tad-Deputati – u opinjoni favorevoli tal-Kummissjoni ta' Venezja – l-abbozz ma ġiex adottat fis-Senat. Il-Gvern il-ġdid nieda mill-ġdid il-proċess f'Jannar 2022 u wara konsultazzjoni pubblika mqassra ta' għaxart ijiem dwar abbozz ġdid u opinjoni pożittiva tal-KSM, il-Parlament adotta liġi fit-28 ta' Frar 2022³², filwaqt li l-Kummissjoni ta' Venezja li jmiss kienet pendenti. L-SIJJ ġie żarmat f'Marzu 2022.

L-SIJJ uriet li ma setgħetx tiffunzjona b'mod effettiv: fit-tliet snin ta' eżistenza tagħha, bagħtet biss seba' kawżi quddiem qorti, u akkumulat ammont kbir ta' kawżi pendenti³³. Biż-żarmar tal-SIJJ, il-kompetenza biex jiġu investigati reati mwettqa minn maġistrati ġiet ittrasferita lil "prosekuturi maħtura" fl-Uffiċċji tal-Prosekutur marbuta mal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja³⁴ u l-Qrati tal-Appell³⁵. Ir-rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt innota li filwaqt li s-sistema l-ġdida kienet titjib f'termini tal-għadd ta' prosekuturi allokat għall-istruttura l-ġdida u d-distribuzzjoni territorjali tagħha³⁶, tqajjem tħassib dwar l-impatt

³² Il-Liġi Nru 49 tal-11 ta' Marzu 2022 dwar l-abolizzjoni tat-Taqsima għall-Investigazzjoni ta' Reati fil-Ġudikatura, kif ukoll għall-emenda tal-Liġi Nru 135/2010 dwar il-Kodiċi ta' Proċedura Kriminali, ippubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali Nru 244 tal-11 ta' Marzu 2022. Il-liġi ġiet ikkontestata quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, li ddikjaratha kostituzzjonali bid-Deċiżjoni Nru 88, tad-9 ta' Marzu 2022.

³³ L-SIJJ kellha total ta' 9 651 kawża x'issolvi. Bejn l-2018 u l-2022, solviet total ta' 2 000 kawża. Minn dawn il-kawżi, l-SIJJ ħarġet seba' att ta' akkuża u ħarrket disa' imputati, biex b'hekk l-għadd ta' kawżi miftuħa kien 7 002 f'Marzu 2022.

³⁴ Għal reati mwettqa minn membri tal-KSM, imħallfin u prosekuturi marbuta mal-HCCJ, imħallfin u prosekuturi marbuta mal-qrati tal-appell u l-qorti tal-appell militari, kif ukoll l-imħallfin tal-Qorti Kostituzzjonali.

³⁵ Għal reati mwettqa minn imħallfin u prosekuturi marbuta mal-qrati tal-prim'istanza, tribunali u tribunali militari.

³⁶ Bl-istruttura l-ġdida, il-Prosekutur Ġenerali jista' jaħtar sa 14-il prosekutur fl-Uffiċċju tal-Prosekutur marbut mal-HCCJ u sa tlieta f'kull Uffiċċju tal-Prosekutur marbut mal-Qrati tal-Appell. Il-prosekuturi jinħatru għal perjodu ta' erba' snin wara rakkomandazzjoni tal-plenarja tal-KSM. Huma jergħu lura għall-pożizzjoni inizjali tagħhom fi tmiem dak il-mandat jew b'deċiżjoni tal-Prosekutur Ġenerali li tintemm il-ħatra.

tagħha fuq l-indipendenza gudizzjarja³⁷. Pereżempju, ma ttiħditx l-opportunità li jiġi indirizzat bil-liġi t-tħassib dwar allegazzjonijiet infondati (“ilmenti vessatorji”) li qed jintużaw bħala mezz ta’ pressjoni kontra l-maġistrati. Il-kompetenza *ratione personae* fis-seħħ taħt is-sistema preċedenti nżammet, mingħajr ma jkun ċar kif is-sistema tissodisfa t-test li tkun iġġustifikata minn rekwiżiti oġġettivi u verifikabbli relatati mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, kif stabbilit mill-QGUE³⁸. Barra minn hekk, nuqqas ta’ salvagwardji speċifiċi ġodda fl-istruttura stabbilita kien wassal għal tħassib, fid-dawl tas-sentenza tal-QGUE³⁹. Fl-opinjoni tagħha ta’ Marzu 2022, il-Kummissjoni ta’ Venezja sostniet li kwalunkwe żarmar tal-SIJJ jenħtieġ li jiżgura aktar effikaċja fl-investigazzjoni ta’ allegazzjonijiet ta’ korruzzjoni mill-imħallfin u l-prosekuturi⁴⁰. Tħassib ieħor iffoka fuq il-proċess tal-ħatra għall-“prosekuturi maħtura”⁴¹. L-approċċ deċentralizzat meħud ipoġġi l-oneru fuq il-ħtieġa li jiġi monitorjat ir-rekord tas-sistema l-ġdida. Sa issa, ma tqajjem l-ebda inċident proċedurali, b’ħidma li tiffoka fuq l-ipproċessar tal-kawżi trasferiti⁴² u tingħata prijorità lill-għeluq ta’ kawżi fuq il-bażi ta’ allegazzjonijiet mhux sostanzjati. Aktar minn 95 % tal-fajls trasferiti pproċessati sa issa jidhru li kienu bbażati fuq ilmenti vessatorji. Il-Prosekutur Ġenerali żviluppa wkoll metodoloġija għall-prijoritizzazzjoni tal-kawżi. Ir-rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt kien jinkludi żewġ rakkomandazzjonijiet speċifiċi dwar ir-reġim il-ġdid⁴³, li dwar l-implimentazzjoni tagħhom il-Kummissjoni se tirrapporta fir-Rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt.

Il-proċessi leġiżlattivi tar-reviżjoni tat-tliet liġijiet tal-ġustizzja u d-dispożizzjonijiet rigward l-investigazzjoni ta’ reati fil-ġudikatura issa tlestew. Il-Gvern Rumen impenja ruħu li jqis bis-sih l-opinjoni li jmiss tal-Kummissjoni ta’ Venezja dwar il-liġijiet tal-ġustizzja, li jista’

³⁷ Dikjarazzjoni mill-Assoċjazzjoni Rumena tal-Forum tal-Imħallfin, il-Moviment għad-Difiża tal-Istatut tal-Assoċjazzjoni tal-Prosekuturi u l-Assoċjazzjoni “Inizjattiva għall-Ġustizzja”, tal-24 ta’ Jannar 2022.

³⁸ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta’ Mejju 2021, *Asociația "Forumul Judecătorilor Din România" u Ohrajin*, fil-Kawżi Magħquda C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-294/19, C-355/19 u C-379/19, ECLI:EU:C:2021:393, il-paragrafu 223.

³⁹ Jenħtieġ li l-istruttura l-ġdida tkun “akkumpanjata minn garanziji speċifiċi bħal, l-ewwel, biex jiġi evitat kwalunkwe riskju li dik it-taqsimha tintuża bħala strument ta’ kontroll politiku fuq l-attività ta’ daww l-imħallfin u l-prosekuturi li x’aktarx idgħajfu l-indipendenza tagħhom u, it-tieni, biex jiġi żgurat li dik il-kompetenza esklużiva tista’ tiġi eżerċitata fir-rigward ta’ daww l-imħallfin u l-prosekuturi f’konformità sħiħa mar-rekwiżiti li jirriżultaw mill-Artikoli 47 u 48 tal-Karta”, is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta’ Mejju 2021, *Asociația "Forumul Judecătorilor Din România" u Ohrajin*, fil-Kawżi Magħquda C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-294/19, C-355/19 u C-379/19, ECLI:EU:C:2021:393, il-paragrafu 223.

⁴⁰ Il-Kummissjoni ta’ Venezja, Opinjoni dwar l-abbozz ta’ liġi dwar iż-żarmar tat-taqsimha għall-investigazzjoni ta’ reati kriminali mwettqa fil-ġudikatura (CDL-AD (2022) 003), il-punt 37.

⁴¹ It-tħassib kien jinkludi n-nuqqas ta’ proċedura kompetittiva dedikata u ta’ rwol speċifiku għat-Taqsimha tal-Prosekuturi tal-KSM. Il-Kummissjoni ta’ Venezja ssottolinjat l-importanza li “it-taqsimha tal-prosekuzzjoni tal-KSM tingħata involviment aktar b’saħħtu fl-għażla inizjali tal-prosekuturi” (Opinjoni tal-Kummissjoni ta’ Venezja (CDL-AD (2022) 003), il-paragrafu 28). Dan it-tħassib ġie msaħħaħ bid-deċiżjonijiet inizjali tal-KSM, li deheru li jiffavorixxu l-kontinwità mal-persunal preċedenti tal-SIJJ. Sa issa mit-total ta’ 59 kariga, 37 imtlew u disgħa proposti oħra għadhom pendenti. Il-Prosekutur Ġenerali indika xi diffikultajiet biex il-prosekuturi jinħatru mill-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura għal xi karigi, li wasslu għal diskrepanza fid-distribuzzjoni tal-ammont ta’ xogħol.

⁴² Minn meta ġiet żarmata l-SIJJ, 1 237 fajl ġew solvuti mill-istruttura l-ġdida sal-aħħar ta’ Settembru 2022 (786 fil-livell ċentrali u 451 fil-livell lokali) u 2 960 kawża għadhom pendenti fil-livell ċentrali, filwaqt li l-uffiċċji tal-prosekutur fil-pajjiż kollu għandhom 4 208 kawżi pendenti.

⁴³ Iż-żewġ rakkomandazzjonijiet huma li “jittieħdu miżuri biex jiġi indirizzat it-tħassib li fadal dwar l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta’ reati kriminali fil-ġudikatura, filwaqt li jitqiesu l-istandards Ewropej u l-opinjoni rilevanti tal-Kummissjoni ta’ Venezja”; u li “jiġi monitorjat mill-qrib l-impatt tas-sistema l-ġdida fuq l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta’ reati ta’ korruzzjoni fil-ġudikatura”. Ara wkoll taħt it-Tielet Parametru Referenzjarju.

jimplika aktar bidliet immirati fil-leġiżlazzjoni. Is-segwitu għal dan l-impenn u l-implimentazzjoni Prattika tal-qafas leġiżlattiv il-ġdid jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-monitoraġġ tal-Kummissjoni skont ir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt. Il-liġijiet tal-ġustizzja l-ġodda se jiġu valutati wkoll skont il-proċedura dedikata fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tar-Rumanija.

Il-ħatriet fil-karigi ta' tmexxija fis-servizzi tal-prosekuzzjoni

- *Ir-Rakkomandazzjoni tal-2017: Tiġi stabbilita sistema robusta u indipendenti ta' kif jinħatru l-ogħla prosekuturi, li tkun ibbażata fuq l-appoġġ tal-Kummissjoni ta' Venezja.*
- *Ir-Rakkomandazzjoni tal-2018: Jiġu rispettati l-opinjoni negattivi mill-Kunsill Superjuri dwar il-ħatriet jew is-sensji ta' prosekuturi f'karigi manġerjali, sakemm ikun implimentat qafas leġiżlattiv ġdid skont ir-rakkomandazzjoni 1 ta' Jannar 2017.*
- *Ir-Rakkomandazzjoni tal-2018: Jerġa' jitnieda proċess biex jinħatru il-Kap prosekutur tad-DNA b'esperjenza ppruvata fil-prosekuzzjoni ta' reati ta' korruzzjoni u b'mandat ċar tad-DNA biex jissoktaw l-investigazzjonijiet professjonali, indipendenti u mhux partiġġjani ta' korruzzjoni.*

Sistema ta' ħatriet trasparenti u bbażati fuq il-mertu tal-aktar prosekuturi anzjani, li kapaċi jipprovdu salvagwardji suffiċjenti kontra l-politiċizzazzjoni, ilha rakkomandazzjoni tal-MKV. Rapporti suċċessivi tal-MKV kienu wrew il-ħtieġa ta' sistemi suffiċjenti ta' kontrokontrolli fil-proċedura tal-ħatra tal-ogħla prosekuturi, kif ukoll bħala riflessjoni mal-portata tal-applikazzjoni tal-istess proċedura tal-ħatra u tas-senja fil-manġment fi grad baxx fil-prosekuzzjoni⁴⁴. Il-Kummissjoni ssottolinjat b'mod konsistenti wkoll li l-konsultazzjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar il-proċedura prevista hija mod importanti biex tinġieb is-sostenibbiltà fis-soluzzjoni magħżula u biex jiġi żgurat bilanċ li jibqa' validu matul iż-żmien bejn ir-rwol rispettiv tal-istituzzjonijiet differenti involuti, il-President tar-Rumanija, il-Ministru għall-Ġustizzja u l-KSM⁴⁵, fil-proċess.

Il-Kummissjoni ta' Venezja rrikonoxxiet li hemm mudelli differenti fir-rigward tal-ħatra tal-pożizzjoni ta' Prosekutur Ġenerali (jew pożizzjonijiet superjuri ta' prosekuzzjoni simili). Madankollu, issottolinjat li l-fiduċja tal-pubbliku titlob għal bilanċ adegwat bejn ir-rekwiżit ta' leġittimità demokratika ta' tali ħatriet, u r-rekwiżit ta' depolitiċizzazzjoni⁴⁶.

Il-proċedura għall-ħatra tal-ogħla prosekuturi hija parti mil-liġi riveduta dwar l-istatut tal-maġistrati adottata mill-Parlament f'Ottubru 2022. Il-proċedura tipprevedi li l-prosekuturi ewlenin (il-Prosekutur Ġenerali, il-Kap Prosekutur tad-DNA u l-Kap Prosekutur tad-

⁴⁴ Ir-rakkomandazzjoni tmur lura għall-2016 u r-rilevanza tagħha ġiet enfasizzata minn żviluppi sussegwenti. Filwaqt li n-nomini komplew ikunu karatterizzati minn approċċ konsenswali, il-kontroverżji b'rabta b'mod partikolari mal-arbitrarjetà permessa mil-liġi fil-proċess tas-sensji wrew il-ħtieġa li tiġi żgurata ċ-ċarezza u li jiġu introdotti s-salvagwardji. Ir-rapport tal-MKV tal-2016 irrakkomanda wkoll li proċedura li tinvolvi element politiku jenħtieġ li ma tiġix applikata għal karigi manġerjali aktar baxxi, deputati u kapijiet tat-taqsimi (li jitħallew għall-KSM u t-tmexxija tal-organizzazzjonijiet ikkonċernati).

⁴⁵ Ara t-tħassib tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar in-nuqqas ta' kontrobilanċ għall-inflwenza tal-opinjoni tal-Ministru għall-Ġustizzja 950/2019 CDL-AD(2019)014.

⁴⁶ CDL-AD(2015)039, Opinjoni Konġunta tal-Kummissjoni ta' Venezja, il-Kunsill Konsultattiv ta' Prosekuturi Ewropej (Consultative Council of European Prosecutors, CCPE) u l-Uffiċċju tal-OSKE għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (OSKE/ODIHR), dwar l-abbozz ta' Emendi għal-Liġi dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur tal-Georgia, § 19; CDL-AD(2017)028, il-Polonja - Opinjoni dwar l-Att dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku, § 33. Ara wkoll CDL-PI(2022)023, Kompilazzjoni tal-Opinjoni u r-Rapporti tal-Kummissjoni ta' Venezja Dwar il-Prosekuturi.

DIICOT), kif ukoll id-deputati tagħhom, għandhom jinħatru mill-President tar-Rumanija fuq nomina motivata ppreżentata mill-Ministru għall-Ġustizzja, wara proċess tal-għażla mniedi u organizzat mill-Ministru għall-Ġustizzja u opinjoni tal-KSM. Kwistjonijiet ewlenin fil-passat kienu jinkludu l-konsistenza u t-trasparenza tal-proċess tal-għażla, li ġew akkomodati fil-liġi b'regoli ġodda li jagħtu dettalji dwar l-organizzazzjoni tal-proċess tal-għażla u tan-nomina, l-eliġibbiltà tal-kandidati, il-kriterji tal-evalwazzjoni u l-kompożizzjoni tal-kumitat tal-għażla. Ta' importanza partikolari kien ir-rwol rispettiv u l-piż tal-KSM (partikolarment it-taqsima tal-prosekuzzjoni) u tal-President fil-proċedura, bħala kontropiżi għall-influwenza eżerċitata mill-Ministru għall-Ġustizzja u salvagwardji kontra l-politiċizzazzjoni. Il-proċedura issa tippredvi l-involviment tat-Taqsima għall-prosekuturi tal-KSM kemm fil-proċess tal-għażla, fejn żewġ rappreżentanti tat-Taqsima issa jieħdu sehem fl-intervisti, kif ukoll fil-proċess tan-nomina, fejn il-Ministru għall-Ġustizzja għandu jfittex l-opinjoni ta' din it-taqsima. Għalkemm l-opinjoni tal-KSM mhijiex vinkolanti fuq il-Ministru, il-proċedura tippredvi li f'każ ta' opinjoni negattiva, ikun meħtieġ li ssir intervista ġdida mal-kandidat propost, li jenħtieġ li tqis l-argumenti stabbiliti fl-opinjoni tal-KSM. Wara l-intervista l-ġdida, il-Ministru jista' jew jibgħat il-proposta ta' nomina lill-President, jew jirtira n-nomina u jorganizza proċedura tal-għażla ġdida. Il-President jista' jew jaċċetta l-proposta ta' nomina tal-Ministru u jipproċedi bil-ħatra, inkella jista' jirrifjuta din il-proposta, filwaqt li jagħti raġunijiet.

Il-liġi riveduta, għaldaqstant, introduċiet proċess tal-għażla u tan-nomina aktar trasparenti u robust fil-livell tal-Ministru għall-Ġustizzja, li jiżgura wkoll aktar stabbiltà permezz tal-użu ta' leġiżlazzjoni aktar milli ordnijiet ministerjali. Dan ġie apprezzat b'mod pożittiv mill-Kummissjoni ta' Venezja fl-opinjoni urġenti tagħha. L-involviment speċifikat tat-Taqsima tal-Prosekuturi tal-KSM se jgħin ukoll biex jiġi żgurat l-appoġġ tal-maġistratura għall-kandidati nominati. Filwaqt li s-soluzzjoni magħżula ma tipprevjenix lill-Ministru milli jipproċedi b'nomina quddiem opinjoni negattiva mill-KSM, u lanqas wara rifjut mill-President, is-salvagwardji addizzjonali introdotti jgħinu biex jiġi żgurat li l-argumenti msemmija f'tali opinjoni tal-KSM jiġu eżaminati b'mod adegwat u jitqiesu fil-proċess tan-nomina.

Fl-opinjoni urġenti tagħha, il-Kummissjoni ta' Venezja sabet li, filwaqt li l-proċedura tal-ħatra tkompli tagħti lill-Ministru għall-Ġustizzja rwol deċiżiv, ir-responsabbiltà politika għall-ħatra hija kondiviża mal-President tar-Rumanija u r-rwol tal-KSM huwa msaħħa. Skont il-Kummissjoni ta' Venezja, l-involviment ta' diversi atturi istituzzjonali fil-proċedura jiżgura livell tajjeb ta' trasparenza u l-emenda tirrappreżenta titjib f'termini ta' protezzjoni kontra r-riskju ta' ħatriet partiġġani.

Il-proċedura tas-sensja ta' prosekuturi anzjani hija simili għall-proċess tal-ħatra. Fil-liġi riveduta, il-proċedura tinbeda b'talba mill-Ministru għall-Ġustizzja għal opinjoni lis-Sezzjoni għall-Prosekuturi tal-KSM. L-opinjoni mhijiex vinkolanti, u wara li tinħareġ, il-Ministru jista' jipproponi sensja lill-President tar-Rumanija, li jista' jirrifjuta l-proposta biss għal raġunijiet ta' legalità. Bidla waħda ssegwi sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB)⁴⁷, li ġibdet l-attenzjoni għall-importanza dejjem tikber tal-involviment ta' awtorità indipendenti mill-fergħa eżekuttiva u leġiżlattiva f'deċiżjonijiet li jaffettwaw il-ħatra u s-sensja ta' prosekuturi, u r-riskju li s-sensja jista' jkollha effett dissważiv fuq ir-rieda tal-maġistrati li jipparteċipaw f'dibattitu pubbliku dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw il-ġudikatura. Proċedura ta' rieżami quddiem qorti amministrattiva ġiet miżjudha mal-proċedura

⁴⁷ Is-sentenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-5 ta' Mejju 2020, Kövesi vs ir-Rumanija, 3594/19.

għas-sensja ta' prosekuturi minn funzjonijiet ta' tmexxija, li tagħti lill-prosekutur issensjat 15-il jum biex jikkontesta s-sensja, bil-Qorti għaldaqstant tkun tista' (iżda mhux meħtieġa) teżamina l-legalità u s-solidità tas-sensja proposta⁴⁸.

Fir-rigward tar-rakkomandazzjoni tal-2018 dwar il-ħatra tal-Kap Prosekutur tad-DNA, ir-rapport tal-MKV tal-2021 ikkonkluda li dan kien ġie indirizzat.

Il-liġijiet tal-ġustizzja riveduti jintroduċu proċess ta' għażla aktar trasparenti u robust għall-ħatriet għal karigi ta' tmexxija fil-prosekuzzjoni, b'salvagwardji addizzjonali biex tissaħħaħ l-akkontabbiltà tal-Ministru għall-Ġustizzja fit-tressiq ta' nomini. Il-proċedura għall-ħatriet u s-sensji ta' karigi ta' tmexxija fis-servizzi tal-prosekuzzjoni ilha tiġi diskussa mill-bidu tal-MKV, u l-konsultazzjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja hija mod importanti biex tinkiseb is-sostenibbiltà għas-soluzzjoni magħżula. Il-Gvern Rumun impenja ruħu li jqis bis-sħiħ l-opinjoni li jmiss tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar il-liġijiet tal-ġustizzja. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja s-segwitu għal dan l-impenj u l-implimentazzjoni Prattika tal-leġislazzjoni l-ġdida fil-qafas tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt.

Il-kodiċijiet ta' kondotta

Ir-Rakkomandazzjoni tal-2017: Jiġi żgurat li l-Kodiċi ta' Kondotta għall-membri parlamentari li bħalissa qed ikun żviluppat fil-Parlament jinkludi dispożizzjonijiet ċari dwar ir-rispett reċiproku u jaġħmilha ċara li l-membri parlamentari u l-proċess parlamentari jenħtieġ li jirrispettaw l-indipendenza tal-ġudikatura. Kodiċi ta' Kondotta simili jista' jiġi adottat għall-Ministri.

Kif irrapportat fl-2021, Kodiċi ta' Kondotta għall-parlamentari ilu fis-seħħ sa minn tmiem l-2017⁴⁹. Għalkemm ma jinkludix dispożizzjonijiet espliċiti dwar ir-rispett għall-indipendenza tal-ġudikatura⁵⁰, seta kkontribwixxiet għal aktar sensibilizzazzjoni u għaldaqstant tnaqqis fl-għadd ta' inċidenti ta' nuqqas ta' rispett tal-indipendenza ġudizzjarja fil-proċess parlamentari u kritika tas-sistema ġudizzjarja u ta' maġistrati individwali minn xi Membru tal-Parlament kif innotat fir-rapport tal-MKV tal-2021⁵¹. Il-kodiċi ta' kondotta ministerjali, emendat fl-2020, jinkludi l-obbligu li tiġi rispettata l-indipendenza ġudizzjarja⁵².

Mir-rapport tal-MKV tal-2021 jidher li kien hemm tnaqqis fil-kritika pubblika sinifikanti mill-parlamentari li x'aktarx iddgħajef l-indipendenza tal-ġudikatura, u ma kien hemm l-ebda każ biex tiġi ttestjata l-effettività tal-Kodiċi f'każ ta' ksur. Matul l-2021-2022, il-KSM ammetta tmien talbiet għal difiża tar-reputazzjoni professjonali, l-indipendenza u l-imparzjalità tal-imħallfin, u 18-il talba bħal din għall-prosekuturi⁵³. Il-KSM innota li, b'differenza mill-passat meta l-kampanji li jmaqqdru l-maġistrati tnedew minn politiċi fil-

⁴⁸ Għall-kuntrarju tal-liġi preċedenti, kontestazzjoni legali tad-digriet tal-President li jkeċċi prosekutur għoli ma għandhiex effett sospensiv fuq is-sensja.

⁴⁹ Id-Deċiżjoni tal-Parlament 77/2017: <https://www.juridice.ro/wp-content/uploads/2017/10/Codul-de-conduită.pdf>.

⁵⁰ Il-Kodiċi ta' Kondotta ma jsemmix b'mod speċifiku r-rispett tal-indipendenza tal-ġudikatura imma jinkludi dispożizzjoni ġenerali dwar ir-rispett tas-separazzjoni tal-poteri: L-Artikolu 1(3) jipprevedi: "Id-deputati u s-senaturi għandhom l-obbligu li jaġixxu b'unur u b'dixxiplina, u jqisu l-prinċipji tas-separazzjoni u tal-bilanċ tal-poteri fl-Istat, it-trasparenza, il-probit morali, ir-responsabbiltà u r-rispett tar-reputazzjoni tal-Parlament."

⁵¹ Is-sit web tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura – stqarrijiet u deċiżjonijiet rigward l-indipendenza tal-ġudikatura.

⁵² L-Artikolu 3(1) tal-Kodiċi.

⁵³ L-għadd totali ta' deċiżjonijiet meħuda mill-KSM f'każijiet ta' talbiet għal difiża tar-reputazzjoni professjonali u l-imparzjalità tal-maġistrati kienu 36 fl-2021 (23 talba ammessi, 10 miċħuda, il-bqija annullati jew irtirati) u 18 fl-2022 (tmienja ammessi, disgħa miċħuda, 1 annullat).

mezzi tax-xandir nazzjonali, il-parti l-kbira tat-talbiet issa huma marbuta ma' dikjarazzjonijiet maħruġa fil-media lokali.

Din is-sitwazzjoni mtejbja tista' toffri opportunità ta' protezzjoni kontra kwalunkwe ritorn futur lejn atmosfera aktar konfliġġenti u riskju akbar ta' attakki minn politiċi lejn il-membri tal-ġudikatura. Il-kodiċijiet ta' Kondotta jistgħu pereżempju jkunu akkumpanjati minn gwida, eżempji u sensibilizzazzjoni dwar kif għandhom jiġu ttrattati sitwazzjonijiet konkreti. Triq possibbli 'l quddiem li l-awtoritajiet Rumeni jistgħu jikkunsidraw tkun segwitu biex jiġi żgurat li meta l-KSM jikkundanna dikjarazzjonijiet ta' Membru tal-Parlament jew tal-gvern fir-rigward ta' maġistrat individwali jew is-sistema ġudizzjarja, titwettaq valutazzjoni fil-pront ta' jekk inkisrux il-Kodiċi. Tali żviluppi jistgħu jiġu monitorjati fir-rapporti dwar l-Istat tad-Dritt.

Il-Kodiċijiet ta' Kondotta għall-parlamentari u l-ministri huma fis-seħħ u jistgħu jikkontribwixxu għal aktar sensibilizzazzjoni u tnaqqis sinifikanti fl-għadd ta' inċidenti ta' nuqqas ta' rispettu tal-indipendenza ġudizzjarja u l-kritika tas-sistema ġudizzjarja u ta' maġistrati individwali.

Il-kodiċi tal-proċedura ċivili

Ir-Rakkomandazzjoni tal-2017: Il-Ministru għall-Ġustizzja, il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura u l-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja jenħteġ li jiffinalizzaw pjan ta' azzjoni biex jiżguraw li l-iskadenza l-ġdida għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet li fadal tal-Kodiċi tal-Proċeduri Ċivili jkunu jistgħu jiġu rrispettati.

Din ir-Rakkomandazzjoni kopriet il-finalizzazzjoni tar-riforma tal-Kodiċi tal-Proċeduri Ċivili, li stabbiliet b'mod partikolari stadju tal-kamra tal-kunsill fil-proċedura ċivili u fil-proċeduri tal-appelli f'ċerti kawżi. Fl-2018, din ir-riforma ġiet abbandunata⁵⁴. Ir-rapport tal-MKV tal-2021 tenna l-konklużjoni li ntlaħqet fl-2019 li dan jenħteġ li jipprovdi opportunità għal perjodu ta' stabbiltà f'din il-fergħa tas-sistema ġudizzjarja, u kkunsidra r-rakkomandazzjoni bħala ssodisfata.

Ma ġew innotati l-ebda żviluppi oħra mill-aħħar rapport tal-MKV u r-rakkomandazzjoni għadha ssodisfata. Il-valutazzjonijiet tal-effiċjenza u tal-kwalità tal-proċedimenti ġudizzjarji qed jiġu eżaminati fil-kuntest tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt.

Il-kodiċi kriminali u l-kodiċi tal-proċedura kriminali

- Ir-Rakkomandazzjoni tal-2018: Jitwaqqaf id-dħul fis-seħħ tal-emendi għall-Kodiċi Kriminali u l-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali.*
- Ir-Rakkomandazzjoni tal-2018: Terġa' tinfetaħ ir-reviżjoni tal-Kodiċi Kriminali u l-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali billi jittieħed kont tal-bżonn għall-kompatibilità mad-dritt tal-UE u l-istrumenti internazzjonali kontra l-korruzzjoni, kif ukoll tar-rakkomandazzjonijiet tal-MKV u l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja.*
- Ir-Rakkomandazzjoni tal-2017: Jenħteġ li l-fażi attwali fir-riforma tal-Kodiċi Kriminali tar-Rumanija tiġi konkluża, bil-Parlament li jmexxi 'l quddiem il-pjanijiet tiegħu biex jadotta l-emendi ppreżentati mill-gvern fl-2016 wara konsultazzjoni mal-awtoritajiet ġudizzjarji.*

Ir-rapporti tal-MKV irritornaw b'mod konsistenti għall-ħtieġa li tiġi konkluża r-riforma tal-Kodiċijiet Kriminali tar-Rumanija tal-2014. Mutur ewlieni għal din ir-riforma kien il-ħtieġa li

⁵⁴ Il-liġijiet emendati daħlu fis-seħħ f'Diċembru 2018.

tadatta għad-deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali, kif ukoll li tittrasponi d-Direttivi tal-UE. Mill-2014, il-Qorti Kostituzzjonali adottat 80 deċiżjoni li jiddikjaraw diversi dispożizzjonijiet tal-Kodiċijiet bħala antikostituzzjonali⁵⁵. Ir-rispons rapidu u konsistenti għall-ħtieġa li l-leġiżlazzjoni tiġi adattata biex tirrifletti dawn id-deċiżjonijiet wera li kien sfida⁵⁶. Fis-snin preċedenti, il-Kummissjoni rrapportat fid-dettall dwar l-iżviluppi madwar ir-reviżjonijiet tal-Kodiċijiet, filwaqt li tenniet il-ħtieġa li r-riformi jiġu konklużi bħala kwistjoni ta' prijorità.

Għadd ta' deċiżjonijiet b'portata wiesgħa li ħadet il-Qorti Kostituzzjonali mill-2014 'l hawn annullaw dispożizzjonijiet taż-żewġ kodiċijiet, b'impatt partikolari fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata⁵⁷. In-nuqqas ta' soluzzjonijiet ta' politika u leġislattivi wassal għal aktar ostakli u inċertezza legali rigward l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni u s-sanzjonar ta' kawżi ta' korruzzjoni f'livell għoli, b'kawżi li jfallu fil-qorti, inċertezza legali dwar l-ammissibbiltà tal-evidenza, u l-bidu mill-ġdid ta' investigazzjonijiet jew proċessi. F'ċerti każijiet, in-nuqqas ta' azzjoni leġislattiva wassal għal suċċessjoni ta' deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali dwar l-istess suġġett, u għall-ħtieġa li l-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja (High Court of Cassation and Justice, HCCJ) tinterpretahom sabiex il-qراطي japplikawhom b'mod konsistenti.

Eżempju reċenti x'aktarx li jkollu impatt partikolarment dannuż fuq kawżi kriminali importanti li għaddejjin. Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat antikostituzzjonali dispożizzjoni relatata mal-interruzzjoni tal-perjodu ta' preskrizzjoni tar-responsabbiltà kriminali għar-reati kollha li għalihom japplika statut ta' preskrizzjoni. Il-maġġoranza tal-qراطي qiesu din id-deċiżjoni billi interpretaw b'mod aktar restrittiv is-sitwazzjonijiet li fihom att proċedurali jista' jwassal għall-interruzzjoni tal-istatut tal-preskrizzjoni. Madankollu, in-nuqqas li tiġi rimedjata s-sitwazzjoni billi jiġu promulgati dispożizzjonijiet ġodda fil-liġi ġie nnotat fit-tieni deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali dwar l-istess artikolu f'Mejju 2022. Din id-deċiżjoni qieset li mill-ewwel deċiżjoni, u sakemm il-kundizzjonijiet għall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni jiġu stabbiliti mil-leġiżlatur, ma hemm l-ebda bażi għall-interruzzjoni tat-terminu ta' preskrizzjoni għar-responsabbiltà kriminali. Filwaqt li nħarġet Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern fl-2022 biex tiċċara l-kundizzjonijiet li taħthom l-interruzzjoni tal-perjodu ta' preskrizzjoni tapplika għall-futur, dan ma jkollux effett retrospettiv. Barra minn hekk, l-isfidi għall-Ordinanza huma attwalment pendent wkoll quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Fil-25 ta' Ottubru 2022, l-HCCJ sostniet li, skont il-prinċipju tal-liġi l-aktar favorevoli fil-perjodu 2014-2022, l-ebda att proċedurali tal-prosekuzzjoni ma jista' jitqies li jinterrompi l-perjodu ta' limitazzjoni għar-responsabbiltà kriminali⁵⁸. Din is-sekwenza ta' avvenimenti jista' jkollha konsegwenzi serji. It-Taqsima tal-Prosekuturi tal-KSM wissiet li dan iwassal għat-terminazzjoni tal-proċedimenti kriminali u t-tneħħija tar-responsabbiltà kriminali f'għadd sostanzjali ta' kawżi⁵⁹.

⁵⁵ Sitta u sittin (66) deċiżjoni jirrigwardaw il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali u 14-il deċiżjoni tal-Kodiċi Kriminali.

⁵⁶ Kif innota l-Gvern Rumun, għalkemm xi wħud min-nuqqasijiet ta' antikostituzzjonalità diġà ġew rimedjati bl-adozzjoni ta' emendi leġislattivi, għad hemm 32 deċiżjoni tas-CCR dwar il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali u 13-il deċiżjoni dwar il-Kodiċi Kriminali li ma ġewx segwiti minn interventi leġislattivi.

⁵⁷ Eżempji jinkludu d-definizzjoni tar-reat ta' abbuż fil-kariga, il-kundizzjonijiet għall-użu ta' metodi ta' sorveljanza teknika (interċettazzjoni telefonika) jew l-istatut speċjali ta' limitazzjoni għal reati. F'dan ir-rigward, ara wkoll it-Tielet Parametru Referenzjarju.

⁵⁸ Id-Deċiżjoni 67/2022 tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja, li tirreferi għad-Deċiżjoni Nru 297/2018 u d-Deċiżjoni Nru 358/2022 tal-Qorti Kostituzzjonali.

⁵⁹ <https://www.csm1909.ro/PageDetails.aspx?Type=Title&FolderId=9880>. Ara wkoll it-Tielet Parametru Referenzjarju.

Mir-rapport tal-2021, ittieħdu passi konkreti biex titmexxa 'l quddiem ir-reviżjoni taż-żewġ kodiċijiet. Il-grupp ta' ħidma interistituzzjonali li kien twaqqaf fl-2019 kompli l-ħidma tiegħu, u fis-sajf tal-2021 ġew ippublikati abbozzi riveduti għall-konsultazzjoni fuq is-sit web tal-Ministeru għall-Ġustizzja. Sena wara, fit-2 ta' Ġunju 2022, il-Ministeru għall-Ġustizzja baġhat verżjoni riveduta tal-abbozz tal-liġijiet lill-Gvern għall-approvazzjoni⁶⁰. Ir-reviżjoni hija wkoll parti mill-istadji importanti ta' riforma fil-Pjan nazzjonali għall-Irkupru u r-Reżiljenza tar-Rumanija⁶¹.

Il-proċess leġiżlattiv ta' reviżjoni tal-Kodiċi Kriminali u tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali biex id-dispożizzjonijiet jiġu allinjati mad-deċiżjonijiet rilevanti tal-Qorti Kostituzzjonali tar-Rumanija għadu għaddej. Dan l-allinjament se jeħtieġ ukoll li titqies il-ħtieġa għall-kompatibilità mad-dritt tal-UE u l-istrumenti internazzjonali kontra l-korruzzjoni, kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet tal-MKV u l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja. Żviluppi reċenti fil-ġurisprudenza relatati mal-istatut ta' limitazzjoni tar-responsabbiltà kriminali u l-impatt sostanzjali tagħhom fuq proċeduri prekontenzjuża u tal-qorti li għaddejjin juru l-ħtieġa għal tali allinjament. It-tlestija tar-reviżjoni taż-żewġ Kodiċijiet hija wkoll parti mill-impenji mwettqa mir-Rumanija fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħha u l-Kummissjoni se tivvaluta mill-qrib il-kodiċijiet riveduti f'konformità mal-proċeduri speċifiċi previsti f'dak il-kuntest.

Il-proċess leġiżlattiv fil-qasam tal-MKV

Ir-Rakkomandazzjoni tal-MKV tal-2017: Sabiex itejbu aktar it-trasparenza u l-prevedibbiltà tal-proċess leġiżlattiv, u jsaħħu s-salvagwardji intern fl-interess tal-irreversibbiltà, jenħtieġ li l-Gvern u l-Parlament jiżguraw trasparenza sħiħa u jqisu kif xieraq il-konsultazzjonijiet mal-awtoritajiet u mal-partijiet ikkonċernat rilevanti fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fl-attività leġiżlattiva dwar il-Kodiċi Kriminali u l-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, dwar il-liġijiet dwar il-korruzzjoni, dwar il-liġijiet dwar l-integrità (inkompatibbiltajiet, kunflitti ta' interess, ġid mhux ġustifikat), dwar il-liġijiet tal-ġustizzja (marbuta mal-organizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja) u dwar il-Kodiċi Ċivili u l-Kodiċi tal-Proċeduri Ċivili, waqt li jispiraw ruħhom mit-trasparenza fit-teħid ta' deċiżjonijiet stabbiliti mill-Gvern fl-2016.

Din ir-rakkomandazzjoni kienet rikonoxximent li proċess leġiżlattiv miftuħ u robust huwa l-aħjar mod biex jiġi żgurat li r-riformi huma sostenibbli kif ukoll effettivi⁶². Ir-rapport tal-MKV tal-2021 ikkonkluda li l-proċess leġiżlattiv għall-proposti varji ta' riforma – dwar l-SIIJ, il-Liġijiet tal-Ġustizzja, u aktar tard il-Kodiċi Kriminali u l-Kodiċi tal-Proċedura

⁶⁰ Ara r-rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt għal aktar dettalji. B'mod partikolari, l-abbozz attwali jipproponi li jiġi emendat ir-reat ta' abbuż ta' poter fil-Kodiċi Kriminali biex jiġi speċifikat li "ksur ta' dmir" jenħtieġ li jirriżulta minn liġi, Ordinanza tal-Gvern, Ordinanza ta' Emerġenza tal-Gvern, jew att normattiv ieħor li, fid-data tal-adozzjoni tiegħu, ġie assimilat fil-liġi. In-nuqqas ta' ċarezza dwar dan ir-reat kien impedixxa l-prosekuzzjoni tiegħu u huwa mistenni li l-emenda se tiffaċilita l-prosekuzzjoni effettiva ta' dan ir-reat. Huwa propost ukoll, wara sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali u Opinjoni tal-2018 tal-Kummissjoni ta' Venezja, li jiġu adottati salvagwardji msaħħa għall-użu ta' evidenza miksuba minn reġistrazzjonijiet elettroniċi.

⁶¹ L-Objettiv Intermedju 424 tal-RRP tar-Rumanija., intitolat "Emenda tal-Kodiċi Kriminali u tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali" tirrikjedi lir-Rumanija "ġġib id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali u tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali li daħlu fis-seħħ fl-2014 f'konformità mad-Dispożizzjonijiet kostituzzjonali, f'konformità mad-deċiżjonijiet rilevanti tal-Qorti Kostituzzjonali nazzjonali dwar l-aspetti ta' kostituzzjonalità tal-bidliet reċenti magħmula fil-Kodiċi Kriminali u fil-Proċedura Kriminali." Il-mira maqbula tar-Rumanija biex tlesti din ir-riforma fl-RRP tagħha hija Diċembru 2022.

⁶² Ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt - Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fir-Rumanija u r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż tas-Semestru Ewropew issottolinjaw it-tħassib rigward il-prevedibbiltà u l-kwalità tal-proċess leġiżlattiv b'mod ġenerali.

Kriminali – ipprova opportunità biex jintwera li qed jiġi segwit l-approċċ tar-rakkomandazzjoni.

Mhux dejjem instab bilanċ bejn il-ħtieġa li tiġi injettata l-urġenza f'impenji ta' prijarità u li jiġi żgurat proċess trasparenti u inklużiv. Il-proċess rapidu ta' adozzjoni tal-liġi li żarmat l-SIIJ wassal għal tħassib li f'it kien hemm opportunità għall-partijiet ikkonċernati biex jikkummentaw dwar l-arranġamenti l-ġodda, tħassib rifless mill-Kummissjoni ta' Venezja nnifisha⁶³. Il-liġijiet tal-ġustizzja kienu wkoll soġġetti għall-proċedura ta' urġenza tal-Parlament⁶⁴ u konsultazzjoni pubblika mħaffa dwar il-verżjonijiet finali mressqa fil-Parlament. Il-partijiet ikkonċernati indikaw ukoll li d-dibattiti parlamentari kienu mħaffa, mingħajr żmien suffiċjenti biex jiġu diskussi l-emendi fis-sustanza⁶⁵.

Ir-rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt ikkummenta b'mod aktar ġenerali dwar il-proċess ta' tħassil tal-liġijiet fir-Rumanija, filwaqt li nnota li bidliet frekwenti tal-leġiżlazzjoni u l-użu regolari ta' ordinanzi ta' emerġenza jkomplu jkajmu tħassib rigward l-istabbiltà u l-prevedibbiltà tal-leġiżlazzjoni. F'dan il-qafas, il-Kummissjoni ħarġet rakkomandazzjoni lir-Rumanija biex tiżgura konsultazzjoni pubblika effettiva qabel l-adozzjoni tal-abbozz ta' leġiżlazzjoni⁶⁶. Ir-rapport tal-2023 dwar l-Istat tad-Dritt se jsegwi l-implimentazzjoni ta' din ir-rakkomandazzjoni. Kwistjonijiet relatati mal-kwalità tat-tħassil tal-liġijiet huma indirizzati wkoll mill-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tar-Rumanija, inkluż struttura speċjalizzata biex tissorvelja l-kwalità tal-leġiżlazzjoni u l-pubblikazzjoni mill-ġdid sistematika tal-verżjonijiet konsolidati tal-liġijiet kull meta jiġu emendati, kif ukoll l-iżvilupp ta' metodoloġija dwar l-użu ta' ordinanzi ta' emerġenza tal-gvern.

Filwaqt li l-kalendarju għar-riformi mhux dejjem ippermetta konsultazzjonijiet estiżi, il-Gvern Rumun madankollu ħa passi f'konformità mar-rakkomandazzjoni u fittex li jiżgura t-trasparenza u li l-atturi rilevanti kellhom l-opportunità li jesprimu fehmiet dwar ir-riformi proposti. L-approċċ aktar ġenerali għal konsultazzjoni pubblika effettiva qabel l-adozzjoni tal-abbozz ta' leġiżlazzjoni se jkompli jiġi monitorjat fir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt.

L-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-qorti mill-amministrazzjoni pubblika

Ir-Rakkomandazzjoni tal-MKV tal-2017: Jenħtieġ li l-Gvern jimplimenta Pjan ta' Azzjoni xieraq biex jindirizza l-kwistjoni tal-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-qorti u tal-applikazzjoni tal-ġurisprudenza tal-qorti mill-amministrazzjoni pubblika, inkluż mekkaniżmu li jipprova statistika preċiża biex jippermetti monitoraġġ futur. Jenħtieġ li jiżviluppa wkoll sistema interna ta' monitoraġġ li tinvolvi l-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura u l-Qorti tal-Awdituri biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-Pjan ta' Azzjoni.

Ir-rispett u l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-qorti huma parti integrali mill-effettività ta' kwalunkwe sistema ġudizzjarja⁶⁷. Sabiex twieġeb għal sfidi f'dan il-qasam, ir-Rumanija pproponiet pjan ta' azzjoni lill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa biex tindirizza l-

⁶³ Il-Kummissjoni ta' Venezja, Opinjoni dwar l-abbozz ta' liġi li żżarma t-taqsimha għall-investigazzjoni ta' reati kriminali mwettqa fil-ġudikatura (CDL-AD(2022)003).

⁶⁴ 15-il jum għal kull Kamra għall-proċedura leġiżlattiva ta' emerġenza minflok il-proċedura leġiżlattiva normali ta' 45 jum għal kull Kamra.

⁶⁵ Osservazzjonijiet minn NGOs preżenti għad-dibattiti, u rapporti tal-midja.

⁶⁶ Ir-Rapport tal-2022 dwar l-istat tad-dritt - il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fir-Rumanija, p. 2.

⁶⁷ Ara l-Gwida dwar l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem – Id-dritt għal proċess ġust (parti ċivili):

http://www.echr.coe.int/Documents/Guide_Art_6_ENG.pdf.

problemi strutturali ta' nuqqas ta' infurzar jew dewmien fl-infurzar tad-deċiżjonijiet tal-qorti kontra l-Istat⁶⁸ identifikati mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem⁶⁹. Lista ta' miżuri biex jiġi implimentat il-pjan ta' azzjoni, inkluż emendi għall-qafas legali biex tiġi garantita eżekuzzjoni f'waqtha u mekkaniżmu li jissorvelja u jipprevjeni l-eżekuzzjoni tardiva tas-sentenzi li għalihom l-Istat huwa debitur, ġew approvati fl-2019⁷⁰. Fil-valutazzjoni tiegħu ta' Marzu 2022 tal-progress tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni, il-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa tenna l-appell tiegħu lill-awtoritajiet biex iżidu l-isforzi u juru impenn biex ilestu r-riformi meħtieġa⁷¹. Wara dan, ġiet stabbilita struttura ġdida f'Ottubru 2022 fis-Segretarjat Ġenerali tal-Gvern biex timmonitorja u tikkontrolla l-infurzar ta' sentenzi mogħtija mill-QEDB wara n-nuqqas ta' infurzar ta' sentenzi mogħtija kontra debitori pubbliċi fir-Rumanija⁷².

Ir-rapport dwar l-Istat tad-Dritt issa jinkludi ħarsa ġenerali tal-indikaturi sistematiċi dwar l-implimentazzjoni tas-sentenzi ewlenin tal-QEDB fl-Istati Membri kollha⁷³. F'Jannar 2022, ir-rata ta' implimentazzjoni tas-sentenzi ewlenin tar-Rumanija minn dawn l-aħħar għaxar snin kienet ta' 57 % – meta mqabbla mal-medja ġenerali tal-Istati Membri ta' 40 % – u ż-żmien medju li s-sentenzi kienu ilhom pendenti għall-implimentazzjoni kien ta' aktar minn erba' snin u xahrejn⁷⁴. Din il-kwistjoni se tkompli tiġi segwita fil-qafas tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt, inkluż fir-rigward tal-passi meħuda mir-Rumanija biex tiżviluppa mekkaniżmu ta' statistika preċiża u sistema ta' monitoraġġ intern li tinvolvi lill-Kunsill Suprem tal-Maġistratura u l-Qorti tal-Awdituri biex tiżgura l-implimentazzjoni xierqa tal-Pjan ta' Azzjoni tagħha.

Dan l-aħħar ittieħdu passi ġodda biex tiġi implimentata din ir-rakkomandazzjoni, li huma mistennija jindirizzaw il-kwistjonijiet persistenti identifikati. Il-Kummissjoni se tkompli ssegwi mill-qrib il-proċess ta' monitoraġġ stabbilit fil-livell tal-Kunsill tal-Ewropa u tirrapporta kif rilevanti fil-qafas tar-rapporti dwar l-Istat tad-Dritt, kif tagħmel għall-Istati Membri kollha⁷⁵.

Il-ġestjoni Ġudizzjarja Strateġika u l-Pjan ta' Azzjoni għall-ġudikatura

Ir-Rakkomandazzjoni tal-MKV tal-2017: Il-ġestjoni Ġudizzjarja Strateġika, jiġifieri l-Ministru tal-Ġustizzja, il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja u l-Prosekutur Ġenerali għandhom jiżguraw l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni kif adottat u jistabbilixxu rappurtar pubbliku komuni regolari dwar l-implimentazzjoni tiegħu, inklużi soluzzjonijiet għall-kwistjonijiet ta' nuqqas ta' skrivana tal-qorti, ammont eċċessiv ta' xogħol u dewmien fil-motivazzjoni tad-deċiżjonijiet.

⁶⁸ Ara r-referenza tal-Kunsill tal-Ewropa CM/Notes/1280/H46-21.

⁶⁹ Ir-Rumanija ġiet sanzjonata mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-2005 għal raġunijiet ta' falliment jew dewmien sinifikanti mill-Istat jew minn entitajiet legali fir-responsabbiltà tal-Istat milli jimxu mad-deċiżjonijiet finali tal-qorti domestika.

⁷⁰ Il-Memorandum Nru L1/1814/26.02.2019 dwar "Miżuri biex tiġi żgurata l-Eżekuzzjoni ta' Sentenzi kontra Debitur Pubbliku, f'konformità mal-każistika tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem rigward in-nuqqas ta' eżekuzzjoni jew l-eżekuzzjoni b'dewmien tas-sentenzi mogħtija kontra debitur pubbliku."

⁷¹ Riżoluzzjoni Interim CM/ResDH (2022)58.

⁷² L-implimentazzjoni se tiġi analizzata mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa f'Marzu 2023.

⁷³ L-adozzjoni tal-miżuri ta' eżekuzzjoni neċessarji għal sentenza mill-QEDB hija ssorveljata mill-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa.

⁷⁴ Ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt - il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fir-Rumanija, p. 28.

⁷⁵ Ara r-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, COM(2022) 500 final, p.24.

Ir-Rapporti tal-MKV identifikaw il-Ġestjoni Ġudizzjarja Strateġika bħala opportunità importanti biex tinbena triq 'il quddiem kunsenswali u sostenibbli għas-sistema ġudizzjarja. Ir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt iġġudat li l-Istrateġija l-ġdida għall-Iżvilupp tal-Ġudikatura 2022–2025 u l-Pjan ta' Azzjoni relatat tagħha, adottat fit-30 ta' Marzu 2022, stabbilixxew objettivi ċari u mekkaniżmu ta' monitoraġġ. L-adozzjoni u d-dħul fis-seħħ tal-Istrateġija l-ġdida huma stadju importanti fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza (Recovery and Resilience Plan, RRP) tar-Rumanija⁷⁶. L-istrateġija tiffoka kemm fuq l-indipendenza, il-kwalità u l-effiċjenza tal-ġustizzja, kif ukoll fuq l-aċċess għall-ġustizzja. Dan jinkludi l-eliminazzjoni tal-inugwaljanzi fis-salarji u l-pensjonijiet tal-maġistrati, u l-modernizzazzjoni tal-istatus tal-persunal ġudizzjarju u l-professjonijiet legali relatati, kif ukoll ir-riforma tal-liġijiet tal-ġustizzja. L-istrateġija tipprevedi għadd ta' miżuri biex tirrimedja l-kwistjoni tan-nuqqas ta' persunal fil-ġudikatura, inkluż l-immodernizzar tal-istatus tal-persunal ġudizzjarju u awżiljarju biex l-imħallfin u l-prosekuturi jkunu jistgħu jikkonċentraw fuq il-ħidma ġudizzjarja. Hija tistabbilixxi wkoll l-oġġettiv kwantitattiv li tiġi żgurata rata ta' okkupazzjoni ta' 95 % tal-pożizzjonijiet ta' mħallef u 80-85 % tal-pożizzjonijiet ta' prosekutur sal-2025⁷⁷.

L-istrateġija se tkun għodda importanti biex l-isfidi li fadal fil-ġudikatura jiġu indirizzati b'mod sostenibbli. Il-monitoraġġ mill-qrib u r-rappurtar pubbliku se jservu wkoll biex irawmu l-fiduċja tal-pubbliku li l-kwistjonijiet relatati mal-ammont eċċessiv ta' xogħol u d-dewmien relatat fit-trattament tal-kawżi tal-Qorti qed jiġu prijoritizzati b'mod adegwat. Komunikazzjoni u konsultazzjonijiet proattivi u regolari mal-ġudikatura u l-professjonijiet legali jistgħu jkunu utli wkoll biex jassiguraw lill-maġistrati li kwistjonijiet relatati man-nuqqas ta' persunal u l-ammont ta' xogħol sproporzjonat li jirriżulta qed jiġu indirizzati.

It-trasparenza u l-akkontabbiltà tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura

Ir-Rakkomandazzjoni tal-MKV tal-2017: Jenħtieġ li l-Kunsill Superjuri l-ġdid tal-Maġistratura jħejji programm kollettiv għall-mandat tiegħu, inklużi miżuri li jippromwovu t-trasparenza u l-obbligu tal-akkontabbiltà. Jenħtieġ li dan jinkludi strateġija dwar il-komunikazzjoni, b'laqgħat miftuħa regolari ma' assemblej tal-imħallfin u tal-prosekuturi f'kull livell, kif ukoll mas-soċjetà ċivili u mal-organizzazzjonijiet professjonali, u t-twaqqif ta' rapport annwali li għandu jiġi diskuss b'mod ġenerali fl-assemblej ġenerali tal-qrati u tal-prosekuturi.

Rapporti suċċessivi tal-MKV enfasizzaw b'mod konsistenti l-ħtieġa li l-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura (KSM) jikkontribwixxi għall-momentum tar-riforma, jartikola pożizzjonijiet kollettivi ċari u jiżgura l-fiduċja permezz tat-trasparenza u r-responsabbiltà. Ir-rapport tal-2021 innota tħassib importanti relatat mal-kapaċità tal-KSM li jibni kunsens fil-ġudikatura u jkollu rwol kostruttiv fid-deċiżjonijiet ewlenin għall-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-

⁷⁶ Stadju Importanti 421 dwar "Dħul fis-seħħ tal-liġi li tapprova l-istrateġija għall-iżvilupp tal-ġudikatura 2022-2025".

⁷⁷ Il-kwistjoni tan-nuqqas ta' persunal fil-ġudikatura kisbet prominenza pubblika f'Novembru, fejn ġiet irreġistrata mewġa ta' talbiet għall-irtirar, b'mod partikolari fost l-imħallfin. L-assoċjazzjonijiet tal-maġistrati indikaw il-ħtieġa ta' strateġija ċara biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet u l-ammont eċċessiv ta' xogħol. Sabiex titnaqqas ir-rata tal-irtirar tal-imħallfin, kif ukoll sabiex tiġi żgurata firxa ta' għażla adegwata għall-kompetizzjonijiet ta' reklutaġġ fil-professjoni, kemm il-presidenti tal-qrati tal-aħħar istanza – il-Qorti Għolja u l-qrati tal-appell – kif ukoll l-assemblej ġenerali tal-imħallfin tal-qrati appellaw lill-fergħat l-oħra tal-gvern biex jieħdu miżuri biex isaħħu l-istatus tal-imħallfin u jtejbju l-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-qrati f'Riżoluzzjoni adottata fit-28 ta' Ottubru. In-nuqqasijiet fil-ġudikatura qed jiġu segwiti wkoll fir-Rapporti dwar l-Istat tad-Dritt. Ir-rapport tal-2022 innota li l-għadd ta' persuni rtirati għadu jaqbeż l-għadd ta' reklutaġġi ġodda.

ġudikatura, iżda indika wkoll każijiet fejn il-KSM kien kapaċi jegħleb id-diviżjonijiet interni tiegħu u jikseb riżultati⁷⁸.

Minkejja l-isforzi biex jintlaħqu kompromessi, id-diviżjonijiet fil-KSM mill-2021 komplew jolqtu kwistjonijiet bħall-ħatriet għall-istruttura l-ġdida li tissostitwixxi l-SIJJ, l-organizzazzjoni tal-elezzjonijiet għall-KSM il-ġdid, jew nuqqas ta' qbil pubbliku bejn il-membri tal-KSM dwar il-Liġijiet dwar il-Ġustizzja. Il-mandat attwali tal-KSM jiskadi fi tmiem l-2022, u l-proċess biex jiġu eletti membri ġodda tnieda fi Frar 2022. L-elezzjonijiet għall-Kunsill il-ġdid ukoll ġew ikkritikati⁷⁹. Il-ħatra bħala President interim tal-Kunsill għall-2022 tal-President tas-seduta tiegħu wasslet għal aktar reazzjonijiet fil-KSM⁸⁰.

Id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi riveduti dwar il-funzjonament tal-KSM jinkludu għadd ta' obbligi li jistgħu jikkontribwixxu għat-trasparenza u r-responsabbiltà tal-Kunsill. Il-liġi żżomm il-possibbiltà li l-membri tal-KSM jiġu rikuzati meta jiġu ġġudikati każijiet dixxiplinarji għal raġunijiet estenzi għal kunflitti ta' interess u imparzjalità. Tiġi introdotta skadenza ċara għas-sostituzzjoni tal-membri tal-KSM meta jiskadi t-terminu. Fl-aħħar nett, l-assemblej iżommu l-possibbiltà li jirrikużaw membri tal-KSM għal raġunijiet ta' nuqqas ta' twettiq tad-dmirijiet.

B'kuntrast mal-2020 – meta l-KSM ma impenjax ruħu b'mod kostruttiv dwar l-abbozzi tal-liġijiet tal-ġustizzja ppubblikati mill-Ministeru tal-Ġustizzja u ma ħariġx opinjoni uffiċjali – fl-2022 il-Kunsill seta' jadotta pożizzjonijiet formali dwar proġetti leġiżlattivi ewlenin. Għalkemm imtappna mill-kontroversja fil-Kunsill, b'xi membri jikkundannaw in-nuqqas ta' konsultazzjoni mal-Qrati u s-servizzi ta' prosekuzzjoni, il-*plenum* ħareġ opinjoni pożittiva dwar l-abbozz ta' liġi għaż-żarmar tas-Sezzjoni Speċjali għall-Investigazzjoni ta' Reati fi Frar 2022⁸¹. Il-Kunsill ħareġ ukoll opinjoni pożittiva dwar l-abbozzi tal-liġijiet tal-ġustizzja f'Awwissu 2022⁸², filwaqt li ppreżenta suġġerimenti għal xi emendi, u pparteċipa fid-dibattiti parlamentari sussegwenti bi propositi ulterjuri għal emendi.

Mill-aħħar rapport, l-attività tal-KSM fid-difiża tal-indipendenza tal-ġudikatura komplet tiddependi fuq it-taqsimiet aktar milli fuq il-*plenum*⁸³. Xi membri tal-KSM esprimew dubji dwar il-proċessi bħala twal u inkonsistenti bla bżonn fil-konklużjonijiet tagħhom.

⁷⁸ Ara r-rapport tal-MKV tal-2021 għad-dettalji.

⁷⁹ L-elezzjonijiet ġew organizzati fil-bidu ta' Lulju 2022, matul il-vaganzi tas-sajf. Ir-riżultati ġew ikkontestati u fid-19 ta' Lulju l-KSM ammetta sfidi minn żewġ imħallfin iżda rriřfuta dawk tal-prosekuturi, li wasslu għal kontroversji pubbliċi. Ara pereżempju <https://ziare.com/alegeri-csm/alegeri-turul-2-procurori-csm-1753710>; <https://spotmedia.ro/stiri/opinii-si-analize/apel-catre-comisia-europeana-csm-dovedeste-ca-romania-are-nevoie-sa-ramana-cu-mcv>; <https://romania.europalibera.org/a/alegeri-csm-contestatii/31950487.html>; VIDEO Procurorul Bogdan Pîrllog despre votul din CSM: „O încălcare a legii care ridică probleme penale” - PRESShub.

⁸⁰ Diversi membri tal-KSM qiesu li din in-nomina interim evitat id-dispożizzjonijiet kostituzzjonali li permezz tagħhom il-President tal-Kunsill jista' jiġi elett għal mandat ta' sena li ma jiġgeddix, u dan iqajjem dubji dwar il-leġittimità ta' diversi proċedimenti importanti mibdija fl-2022 bħall-elezzjonijiet għall-Kunsill, in-nomina tal-Ispettur Prinċipali Ġudizzjarju l-ġdid u l-għażla ta' President ġdid tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja.

⁸¹ Il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura, id-Deċiżjoni 1 tal-11 ta' Frar 2022. Il-kontroversja kienet marbuta mal-fatt li l-abbozz ta' emendi tal-liġi tal-Kunsill ġew adottati mill-Ministeru tal-Ġustizzja f'abbozz ta' liġi rivedut, li wassal biex il-Kunsill ħareġ opinjoni pożittiva mingħajr kummenti. F'itra lill-Kummissjoni, diversi Membri tal-Kunsill argumentaw li dan ħoloq perċezzjoni pubblika falza ta' qbil sħiħ tas-sistema ġudizzjarja lejn din il-liġi, minkejja nuqqas ta' konsultazzjoni mal-qrati u l-uffiċċji tal-prosekuzzjoni dwar l-abbozz tad-dispożizzjonijiet.

⁸² Id-Deċiżjoni 115 tat-12 ta' Awwissu 2022.

⁸³ Il-*plenum* ma ħareġ l-ebda deċiżjoni matul l-2022, u sebgħa fl-2021. Fl-2021, waħda mit-talbiet ammessi kienet tikkonċerna dikjarazzjonijiet pubbliċi televiżivi magħmula minn membru tal-KSM innifsu relatati

Fir-rigward tat-trasparenza u l-aċċess għall-informazzjoni, il-Kunsill kompli jippubblika informazzjoni rilevanti fuq is-sit web tiegħu, u l-laqgħat plenarji u tas-sezzjonijiet tiegħu jixxandru. L-informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet dixxiplinari hija disponibbli wkoll online.

Il-KSM li għadu kif ġie elett u li beda l-mandat tiegħu fl-2023 jeħtieġ li jiżgura li jmexxi 'l quddiem it-trasparenza u r-responsabbiltà bħala objettivi ewlenin fil-programm tiegħu. L-organizzazzjoni ta' laqgħat miftuħa regolari u d-diskussjoni tar-rapporti annwali⁸⁴ mal-assemblej tal-imħallfin u l-prosekuturi fil-livelli kollha, kif ukoll mas-soċjetà ċivili u l-organizzazzjonijiet professjonali se jkunu kruċjali biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni ta' dawn l-objettivi. Il-Forum tas-soċjetà ċivili fil-qasam tal-ġustizzja stabbilit f'Diċembru 2021 jista' jagħti kontribut kbir f'dan ir-rigward.

Rapporti suċċessivi tal-MKV enfasizzaw b'mod konsistenti l-ħtieġa li l-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura jikkontribwixxi għall-momentum tar-riforma, jartikola pożizzjonijiet kollettivi ċari u jiżgura l-fiduċja permezz tat-trasparenza u r-responsabbiltà. L-importanza ta' dawn l-objettivi ġiet rikonoxxuta mill-gvern Rumun. L-elezzjoni ta' Kunsill ġdid biex jibda l-mandat tiegħu fl-2023 tipprova opportunità biex jiġi żgurati t-trasparenza u r-responsabbiltà, li tista' tintwera mill-Kunsill il-ġdid fil-forma, pereżempju, ta' dikjarazzjoni pubblika tal-prinċipji regolatorji, kif ukoll fl-approvazzjoni kollettiva sostnuta tal-pożizzjonijiet ewlenin mill-Kunsill.

L-Ispezzjoni Ġudizzjarja

Ir-Rakkomandazzjoni tal-MKV tal-2018: Il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura għandu jaħtar minnufih tim interim għall-ġestjoni tal-Ispezzjoni Ġudizzjarja u fi żmien tliet xhur, permezz ta' kompetizzjoni għandu jaħtar tim tal-maniġment ġdid fl-Ispezzjoni.

Ir-rapport tal-MKV tal-2021 ikkonkluda li t-tħassib strutturali relatat mal-Ispezzjoni Ġudizzjarja għad irid jiġi indirizzat, inkluż fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja ta' Mejju 2021⁸⁵. Ir-rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt tenna t-tħassib dwar is-setgħat estensivi u n-nuqqas ta' responsabbiltà tal-Ispettur Prinċipali Ġudizzjarju. Dan it-tħassib inkluda l-konċentrazzjoni tal-poter f'idejn l-Ispettur Ewlieni u d-deputat tiegħu, il-proporzjon għoli ta' kawżi ppreżentati mill-Ispezzjoni u eventwalment miċħuda fil-qorti, kif ukoll il-limiti għas-sorveljanza mill-KSM⁸⁶. Tqajmu xi dubji dwar jekk id-dispożizzjonijiet fil-liġijiet tal-ġustizzja għall-ħatra tal-maniġment tal-Ispezzjoni Ġudizzjarja u l-akkontabbiltà tagħha joffrux garanziji suffiċjenti u jiksbox bilanċ tajjeb bejn l-imħallfin, il-prosekuturi u l-KSM. Talba għal deċiżjoni preliminari hija pendenti quddiem il-QĠUE dwar il-kwistjoni ta'

mal-prosekuzzjoni. It-taqsim tal-prosekuturi kkonkludiet f'Diċembru 2021 li d-dikjarazzjonijiet kienu affettwaw serjament l-indipendenza u l-imparzjalità tal-prosekuturi, b'mod partikolari dawk akkużati li jinvestigaw reati ta' korruzzjoni.

⁸⁴ Il-KSM għadu ma ppubblikax ir-Rapport tal-2021 dwar il-Ġudikatura, għalkemm il-mandat tiegħu se jintemm f'Diċembru 2022.

⁸⁵ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor Din România" u Ohrajin, fil-Kawżi Magħquda C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-294/19, C-355/19 u C-379/19, ECLI:EU:C:2021:393, il-paragrafu 207.

⁸⁶ L-aħħar rapport ta' progress għar-Rumanija taħt il-MKV, (COM(2021) 370 final), jinnota li għad hemm każijiet fejn investigazzjonijiet dixxiplinarji u sanzjonijiet qawwija fuq maġistrati li jikkritikaw l-effiċjenza u l-indipendenza tal-ġudikatura qajmu tħassib. Aktar reċentement, il-proċedimenti dixxiplinari mibdija mill-Ispezzjoni Ġudizzjarja kontra mħallef tal-Qorti tal-Appell ta' Pitești ġġeneraw tħassib bħal dan, fis-sustanza minħabba li d-deċieda li ma japplikax il-leġiżlazzjoni li tistabbilixxi l-SIIJ fid-dawl tas-sentenza tal-QĠUE minn Mejju 2021. Il-KSM eventwalment ċaħad l-azzjoni dixxiplinari b'deċiżjoni tal-14 ta' April 2022.

jekk is-setgħat estensivi mogħtija lill-Kap Spettur humiex konformi mal-prinċipju tal-indipendenza ġudizzjarja⁸⁷.

Il-liġi dwar il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura adottata f'Ottubru 2022 emendat sostanzjalment il-qafas leġislativ relatat mal-Ispezzjoni Ġudizzjarja. Dan jinkludi diversi dispożizzjonijiet biex jirrimedja n-nuqqas ta' responsabbiltà tal-Ispezzjoni Ġudizzjarja u l-konċentrazzjoni tal-poter f'idejn l-Ispettur Ewlieni. Is-setgħat tal-Kap Spettur huma bbilanċjati minn Bord li għadu kif ġie introdott, b'serje ta' setgħat biex jiġi żgurat kontropiż adegwat. Ir-rwol tiegħu se jkopri deċiżjonijiet dwar l-organizzazzjoni u l-operat tal-Ispezzjoni Ġudizzjarja, it-tweġġ ta' xogħlijiet ta' spezzjoni u kompetizzjonijiet ta' ħatra. Il-ħatra tal-*viċi* Kap Spettur tgħaddi minn idejn il-Kap Spettur għall-plenum tal-KSM, fuq il-bażi ta' kriterji aktar oġġettivi. Bl-istess mod, l-ispetturi ġudizzjarji jinħatru mill-Kap Spettur fuq il-bażi ta' kompetizzjoni organizzata mit-taqsimi rilevanti tal-KSM bl-appoġġ tal-Istitut Nazzjonali tal-Maġistratura. Din il-kompetizzjoni qabel kienet immexxija mill-Ispettorat Ġudizzjarju nnifsu. Ir-regoli dwar l-organizzazzjoni tal-kompetizzjonijiet ġew iċċarati, inkluż fir-rigward tal-kriterji tal-għażla u l-kompożizzjoni tal-bordijiet tal-għażla. Ġew introdotti regoli ġodda biex jirregolaw kwalunkwe sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess li jiffaċċja Kap Spettur, li issa se jkun meħtieġ ukoll jipproponi l-kompożizzjoni tat-timijiet ta' monitoraġġ lill-bord maniġerjali (minflok ma l-Kap Spettur jiddeċiedi direttament). Tħassib li jifdal huwa relatat mal-possibbiltà għall-Ispettur Ewlieni li jannulla deċiżjoni ta' *ċaħda* ta' *każ*, jew kwalunkwe deċiżjoni meħuda minn spettur wara investigazzjoni preliminari. L-applikazzjoni ta' din ir-regola fil-prattika u l-effettività tas-salvagwardji eżistenti⁸⁸ jeħtieġ li jiġu mmonitorjati.

Fil-passat, l-għażla u l-ħatra tal-Ispettur Ewlieni qajmu kontroversja, kif spjegat fid-dettall fir-Rapport tal-MKV tal-2021. Il-ħatra tal-kap il-ġdid tal-Ispezzjoni Ġudizzjarja f'Lulju 2022 tidher li kienet aktar sempliċi, anki jekk applika kandidat wieħed biss. Il-leġislażzjoni l-ġdida tkopri wkoll il-ħatra tal-Kap u l-*Viċi* Spetturi Ewlenin, filwaqt li tagħti setgħat ta' sorveljanza aktar b'saħħithom lill-KSM u tinvolvi lill-Istitut Nazzjonali tal-Maġistratura fil-kompetizzjonijiet għad-dħul fl-Ispezzjoni Ġudizzjarja. Il-proċedura ta' revoka għall-Ispettur Ewlieni nbidlet ukoll, minn rekwiżit għal deċiżjoni mill-plenarja sħiħa tal-KSM għall-bidu minn ħames membri tal-KSM jew mill-Assemblea Ġenerali tal-Ispezzjoni Ġudizzjarja. Il-bilanċ li jirriżulta bejn kunsiderazzjonijiet ta' indipendenza, responsabbiltà u stabbiltà fit-tmexxija tal-Ispezzjoni Ġudizzjarja jeħtieġ li jiġi mmonitorjat fil-prattika.

Fl-2021 u l-2022, l-għadd ta' azzjonijiet dixxiplinari rreġistrati mill-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura baqa' ġeneralment stabbli⁸⁹. Madankollu, għad hemm każijiet fejn l-investigazzjonijiet dixxiplinari u s-sanzjonijiet li jirriżultaw imposti fuq il-maġistrati jidhru li kienu marbuta mal-vuċi ta' opinjonijiet kritiċi dwar kwistjonijiet tal-istat tad-dritt. Tali investigazzjonijiet infetħu mill-Ispezzjoni Ġudizzjarja jew *ex officio* jew fuq talba tal-KSM⁹⁰. Il-QĠUE għamlitha *ċara* li l-indipendenza ġudizzjarja tista' tiġi mminata jekk ir-reġim dixxiplinari jiġi ddevjat mill-iskopijiet leġittimi tiegħu u jintuża biex jeżerċita kontroll

⁸⁷ C-817/21, R.I. vs Inspecția Judiciară, N.L.

⁸⁸ L-Ispettur Ewlieni jista' jissorvelja deċiżjonijiet bħal dawn darba biss u b'obbligu li jipprovdi raġunijiet motivati.

⁸⁹ Erbgħa u għoxrin (24) azzjoni li jikkonċernaw l-imħallfin u 13 li jikkonċernaw il-prosekuturi fl-2021, 26 azzjoni li jikkonċernaw l-imħallfin u sitta li jikkonċernaw il-prosekuturi fl-2022. Is-sanzjonijiet maħruġa fuq l-imħallfin kienu jinkludu twissijiet, sospensjoni mill-kariga, tnaqqis ta' allowances ta' impjeg ta' kull xahar, twaqqigħ fil-grad u esklużjonijiet mill-maġistratura fir-rigward tal-imħallfin. Għall-prosekuturi, inħarġu biss twissijiet.

⁹⁰ Ara r-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar ir-Rumanija għad-dettalji.

politiku fuq deċiżjonijiet ġudizzjarji jew pressjoni fuq l-imħallfin⁹¹. Minbarra l-każijiet imsemmija fir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, investigazzjonijiet dixxiplinari oħra kontra l-imħallfin tqiesu bħala forma ta' pressjoni u ritaljazzjoni għas-sentenzi mogħtija, b'mod partikolari f'każijiet ta' livell għoli relatati mal-korruzzjoni⁹².

Għalkemm l-informazzjoni pubblika dwar każijiet dixxiplinarji fl-Ispezzjoni Ġudizzjarja kienet nieqsa għal dawn l-aħħar tliet snin⁹³, il-prevedibbiltà u t-trasparenza żdiedu permezz tad-deċiżjoni tal-KSM li jippubblika, f'format anonimizzat, deċiżjonijiet dixxiplinarji li saru finali u ksur tal-kodiċi ta' etika fuq portal aċċessibbli għall-maġistrati biss.

Din ir-rakkomandazzjoni tal-2018 ma għadhiex tgħodd. It-tmexxija l-ġdida tal-Ispezzjoni Ġudizzjarja issa għandha l-opportunità li tiżgura li l-investigazzjoni dixxiplinari ma tibqax tintuża bħala strument biex tiġi eżerċitata pressjoni fuq l-attività tal-imħallfin u l-prosekuturi, f'konformità mal-ġurisprudenza tal-QĠUE. Il-Kummissjoni se tkompli tħares lejn l-operazzjoni fil-prattika fil-qafas tar-Rapporti dwar l-Istat tad-Dritt.

Fuq il-bażi tal-analiżi tal-Ewwel Parametru Referenzjarju, b'mod ġenerali r-rakkomandazzjonijiet jistgħu jitqiesu ssodisfati b'mod sodisfaċenti, u l-monitoraġġ jista' jkompli taħt iċ-ċiklu annwali tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt. Il-Kummissjoni hija sodisfatta bl-impenji tal-gvern Rumen biex ikompli t-triq tar-riforma billi jqis bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja, u jlesti l-proċess tal-adozzjoni ta' kodiċijiet kriminali ġodda. Ir-Rumanija kienet impenjata bis-sħiħ li taħdem flimkien mal-Kummissjoni fuq ir-Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt. Dan il-qafas ta' monitoraġġ diġà beda jsegwi fid-dettall ħafna mill-kwistjonijiet esplorati taħt il-MKV, inkluż ir-reġim li jsegwi t-Taqsima għall-Investigazzjoni ta' Reati fil-Ġudikatura u l-funzjonament tal-Ispezzjoni Ġudizzjarja, kif ukoll il-qafas leġislattiv usa' tal-Liġijiet dwar il-Ġustizzja u l-Kodiċijiet Kriminali u l-ħidma tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura. L-impenji taħt il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u aktar opportunitajiet għal assistenza taħt programmi rilevanti oħra tal-UE, b'mod partikolari l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, jistgħu jgħinu fit-tkomplija tal-implimentazzjoni tar-riformi rilevanti.

2.2 It-tieni parametru referenzjarju: Il-qafas għall-Integrità u l-Aġenzija Nazzjonali għall-Integrità

Ir-rapport tal-MKV tal-2021 ikkonkluda li r-riskju ta' treġġigħ lura identifikat fl-2019, marbut ma' modifiki għar-regoli dwar l-integrità, kien ġie mmitigat u li kien hemm sinjali inkoraġġanti li l-leġislatura l-ġdida setgħet tistabbilixxi triq ċara lejn is-sostenibbiltà tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Integrità (ANI) u l-qafas leġislattiv dwar l-integrità.

⁹¹ Is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Sistema dixxiplinari għall-imħallfin), C-791/19, ECLI:EU:C:2021:596, il-paragrafu 138, u tal-21 ta' Diċembru 2021, Euro Box Promotion e.a., fil-Kawżi Magħquda C-357/19, C-379/19, C-547/19, C-811/19 u C-840/19, ECLI:EU:C:2021:1034, il-paragrafu 239.

⁹² Żewġ imħallfin kienu mħassba dwar il-ftuħ ta' sitt investigazzjonijiet dixxiplinarji f'dawn l-aħħar xhur, li sostnew li l-kawżi nfetħu fuq talba tal-konvenuti, bil-ħsieb li jikkontestaw is-sustanza tas-sentenza, jew *ex officio* mill-Ispettorat Ġudizzjarju.

⁹³ <https://www.inspectiajudiciara.ro/ro-ro/page/comunicate-de-presa>.

L-ANI tkompli tinvestiga l-inkompatibbiltajiet, il-kunflitti ta' interess u l-ġid mhux ġustifikat, filwaqt li żżomm rekord kostanti⁹⁴. Kif stabbilit fir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, l-ANI rat għadd ta' żviluppi pożittivi. Wara aktar minn sena u nofs mingħajr President, fuq proposta tal-Kunsill Nazzjonali għall-Integrità, fl-2021 inħatar President ġdid tal-ANI⁹⁵.

Il-fatt li d-dikjarazzjonijiet tal-assi u tal-imgħax iridu jimtlew b'mod elettroniku u huma disponibbli għall-pubbliku online mill-2022 żied it-trasparenza u ffaċilita l-ħidma tal-ANI⁹⁶. Minbarra sessjonijiet ta' taħriġ, l-ANI nediet "Assistent tal-e-DAI" f'Mejju 2022, chatbot li jgħin lin-nies jużaw il-pjattaforma b'mod effettiv. L-ANI qed tiżviluppa wkoll l-għodod tagħha stess biex tidentifika waħedha dikjarazzjonijiet suspettużi ta' assi u interessi, fuq il-bażi ta' indikaturi tar-riskju, u biħsiebha taħdem aktar mill-qrib mal-Aġenzija Nazzjonali għall-Ġestjoni ta' Assi Maqbuda (ANABI)⁹⁷.

Ir-rapporti tal-MKV innotaw li l-effettività tal-ANI kienet limitata mill-ħtieġa li tiġi mmodernizzata u mtejbja aktar iċ-ċarezza tal-qafas legali għall-integrità, li jpoġġih fuq bażi stabbli u sostenibbli. Fil-Pjan nazzjonali tagħha għall-Irkupru u r-Reżiljenza, ir-Rumanija impenjat ruħha li jkollha liġi konsolidata dwar l-integrità fis-seħħ sal-2024⁹⁸. L-ANI qed taħdem mal-Ministeru tal-Ġustizzja u sħab oħra biex tmexxi din il-ħidma 'l quddiem, filwaqt li tistenna li tiffinalizzaha sa nofs l-2023⁹⁹. Konsolidazzjoni tal-liġijiet dwar l-integrità, l-inkompatibbiltajiet u l-kunflitti ta' interess tippermetti li jitqiesu l-każistika u l-politiki ta' prevenzjoni tal-korruzzjoni u tipprovdi bażi stabbli għall-futur.

L-ANI tkompli taħdem b'mod effettiv u tiegħu passi biex ittejjeb il-governanza, l-għodod u l-metodi tagħha. Il-ħidma għaddejja sew biex jitħejja qafas leġiżlattiv komprensiv dwar l-integrità li għandu jiġi adottat fl-2023 hija opportunità biex tkompli tiġi appoġġata l-ħidma tal-ANI u tinkiseb iċ-ċarezza u l-istabbiltà meħtieġa biex jiġu identifikati u indirizzati b'mod effettiv l-inkompatibbiltajiet, il-kunflitti ta' interess u l-ġid mhux ġustifikat. Il-leġiżlazzjoni l-ġdida taqa' taħt il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tar-Rumanija u l-implimentazzjoni Prattika tagħha taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-monitoraġġ tal-Kummissjoni skont ir-Rapporti dwar l-Istat tad-Dritt.

Is-sistema PREVENT

⁹⁴ Bejn l-1 ta' Ġunju 2021 u t-30 ta' Settembru 2022, l-ANI analizzat aktar minn 1 700 fajl u sabet 218-il inċident ta' integrità: 120 każ ta' inkompatibbiltà, 81 każ ta' kunflitt ta' interess amministrattiv u 17-il każ ta' ġid mhux ġustifikat. L-ispetturi tal-integrità identifikaw 68 każ li jinvolvu reati kriminali possibbli u rreferewhom lill-korpi kompetenti għal investigazzjoni ulterjuri.

⁹⁵ Il-President il-ġdid kien Viçi President mill-2017. Il-proċedura tal-għażla għal Viçi President tnediet f'Settembru 2022 (wara l-ewwel ċiklu li ma rnexxiex aktar kmieni din is-sena) u għandha tiġi ffinalizzata sa tmiem is-sena. Il-President tal-ANI indika li ftit li xejn kien hemm interess minn kandidati kwalifikati (kandidat wieħed biss applika), anki minħabba l-kundizzjonijiet ta' remunerazzjoni tal-kariga.

⁹⁶ Sat-30 ta' Settembru 2022, madwar 10,7 miljun dikjarazzjoni ta' assi u interessi kienu ġew ippubblikati fuq il-portal e-DAI (<http://declaratii.integritate.eu/>).

⁹⁷ Informazzjoni li waslet mingħand l-ANI fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż fir-Rumanija għall-finijiet tar-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt.

⁹⁸ L-Itadju Importanti nru 431 tal-RRP tar-Rumanija jiddikjara: "Għandhom jidħlu fis-seħħ liġijiet konsolidati dwar l-integrità. L-aġġornament tal-leġiżlazzjoni dwar l-integrità għandu jitwettagħ fuq il-bażi ta' evalwazzjoni u analiżi minn qabel tal-liġijiet dwar l-integrità, flimkien ma' raggruppament inizjali tal-atti normattivi. Fit-tieni fażi tal-proġett, il-liġijiet eżistenti għandhom jew jiġu unifikati u aġġornati, jew għandhom jiġu proposti atti normattivi ġodda."

⁹⁹ L-ANI bħalissa qed twettaq immappjar komprensiv tar-regoli eżistenti dwar l-integrità, tal-istandards internazzjonali u tal-aħjar Prattika fi Stati Membri oħra. Dan se jiġi ffinalizzat sa tmiem l-2022 u se jinforma l-ħidma dwar il-liġi konsolidata l-ġdida.

Ir-Rakkomandazzjoni tal-2017: Żgurar tat-tħaddim tas-sistema PREVENT. Jenħtiegħ li l-Aġenzija Nazzjonali għall-Integrità u l-Kunsill Nazzjonali tal-Aġenzija għall-Akkwist Pubbliku jistabbilixxu rapportar dwar il-verifiki ex ante tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku u s-segwitu tagħhom, inklużi verifiki ex post, kif ukoll dwar każijiet ta' kunflitti ta' interess jew ta' korruzzjoni li jkunu nstabu, u l-organizzazzjoni ta' dibattiti pubbliċi biex il-gvern, l-awtoritajiet lokali, il-ġudikatura u s-soċjetà ċivili jkunu mistiedna jwieġbu.

Is-sistema PREVENT ilha mill-2017 taħdem biex tevita l-kunflitti ta' interess fil-proċeduri ta' akkwist pubbliku billi tistabbilixxi mekkaniżmu ta' verifika ex ante. Dan jgħin lill-awtoritajiet kontraenti biex jirrimedjaw il-problemi possibbli qabel ma jingħata l-kuntratt.

Ir-rapport tal-MKV tal-2021 ikkonferma r-riżultati pożittivi ta' PREVENT, u l-effettività kontinwa tiegħu ġiet ikkonfermata mill-ANI. Bejn l-1 ta' Ġunju 2021 u l-aħħar ta' Settembru 2022, kważi 20 000 proċedura ta' akkwist ġew rieżaminati mis-sistema PREVENT bil-ħsieb li jiġu identifikati kunflitti ta' interess possibbli, inkluż aktar minn 3 700 li jitrattaw il-fondi tal-UE. Dawn kienu jinvolvu aktar minn 2 600 awtorità kontraenti, u kważi 16 000 kumpanija. L-ispetturi tal-integrità ħarġu 24 twissija ta' integrità, li jkopru proċeduri ekwivalenti għal EUR 97 miljun. Fil-każijiet kollha nnotifikati mis-sistema, l-awtoritajiet kontraenti nehew il-kawżi li ġġeneraw kunflitti ta' interess potenzjali: kien hemm żewġ każijiet fejn l-Aġenzija Nazzjonali għall-Akkwist Pubbliku ġiet innotifikata b'irregolarità potenzjali. Dan ir-rekord jikkonferma l-konklużjoni tar-rapport tal-MKV tal-2021 li din ir-rakkomandazzjoni hija ssodisfata.

Ir-rakkomandazzjoni dwar is-sistema PREVENT kienet diġà ġiet issodisfata fl-2018 u r-riżultati pożittivi kontinwi tagħha juru s-sostenibbiltà tagħha.

Is-segwitu tad-deċiżjonijiet tal-qorti li jikkonċernaw il-Membri tal-Parlament

Ir-Rakkomandazzjoni tal-2017: Jenħtiegħ li l-Parlament ikun trasparenti fit-teħid tad-deċiżjonijiet fir-rigward tas-segwitu tad-deċiżjonijiet finali u irrevokabbli dwar inkompatibilitajiet, kunflitti ta' interess u ġid mhux ġustifikat kontra membri tiegħu.

Rapporti preċedenti tal-MKV indikaw dewmien u inkonsistenzi evidenti fl-applikazzjoni ta' sanzjonijiet kontra Membri tal-Parlament misjuba minn deċiżjoni finali tal-qorti li jkollhom funzjonijiet inkompatibbli jew li jkollhom kunflitt ta' interess wara rapport mill-ANI. Huma enfasizzaw il-possibbiltà ta' interpretazzjoni diverġenti tar-regoli, b'mod partikolari meta l-inċident ta' integrità seħħ f'mandat jew pożizzjoni preċedenti, u ssuġġerew aktar ċarezza. Fl-2020 u l-2021, il-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja ċċarat l-interpretazzjoni tal-liġi. Il-Qorti ddeċidiet li s-sanzjoni tapplika, anki jekk l-inkompatibbiltà tikkonċerna mandat preċedenti, u li perjodu ta' limitazzjoni ta' tliet snin għandu jirreferi għall-ħtieġa li l-ANI tiffinalizza investigazzjoni fi żmien tliet snin mill-fatti li jiddeterminaw l-eżistenza ta' stat ta' kunflitt ta' interess jew inkompatibbiltà (minflok li s-sanzjoni ma tapplikax wara tliet snin)¹⁰⁰.

Mill-2021, kien hemm każ wieħed, fejn l-ANI sabet li Senatur wieħed kellu funzjonijiet inkompatibbli. Dan wassal għar-riżenja immedjata tal-persuna kkonċernata minn funzjoni pubblika, minkejja kontestazzjoni kontra d-deċiżjoni tal-ANI li tressqet quddiem il-Qorti. Ma kien hemm l-ebda każ li kien jittestja t-trasparenza tal-Parlament fit-teħid tad-deċiżjonijiet tiegħu fir-rigward tad-deċiżjonijiet finali tal-qorti.

¹⁰⁰ Id-Deċiżjoni tal-HCCJ tas-16 ta' Novembru 2020 u d-Deċiżjoni tal-HCCJ 1/2021 tad-19 ta' Marzu 2021.

Il-valutazzjoni pożittiva fir-rapport tal-MKV tal-2021 ibbażata fuq il-kooperazzjoni proattiva li dehret fil-bidu tal-Parlament il-ġdid hija kkonfermata u għalhekk din ir-rakkomandazzjoni tista' titqies bħala ssodisfata. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja s-segwitu mogħti mill-Parlament għad-deċiżjonijiet irrevokabbli dwar l-inkompatibbiltajiet, il-kunflitti ta' interess u l-ġid mhux ġustifikat kontra l-membri tagħha, skont ir-Rapporti dwar l-Istat tad-Dritt.

Fuq il-bażi tal-analiżi tal-Parametru Referenzjarju Tnejn, ir-rakkomandazzjonijiet kollha jistgħu jitqiesu ssodisfati b'mod sodisfaċenti. Il-Kummissjoni se tkompli tħares lejn l-iżviluppi relatati mal-qafas tal-integrità u l-implimentazzjoni tiegħu fir-rapporti dwar l-Istat tad-Dritt. Il-konsolidazzjoni tal-qafas legali għall-integrità hija wkoll pass importanti fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tar-Rumanija¹⁰¹.

2.3 It-Tielet Parametru Referenzjarju: It-trattament tal-korruzzjoni f'livell għoli

Id-Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni f'livell għoli

Il-korruzzjoni kienet qasam primarju ta' tħassib li l-valutazzjoni pożittiva milħuqa fir-rigward tal-Parametru Referenzjarju Tlieta f'Jannar 2017 kienet tqiegħdet f'dubju mir-Rumanija. Madankollu, ir-rapport tal-2021 seta' jimmarka titjib, b'impetu ġdid u stabbiltà istituzzjonali fid-Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni (DNA). Ix-xejra pożittiva fl-effettività tal-investigazzjoni u s-sanzjonar tal-korruzzjoni ġiet ikkonfermata fir-rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt.

Mill-aħħar rapport tal-MKV u sal-aħħar ta' Ottubru 2022, id-DNA bagħtet 451 każ ta' korruzzjoni ta' livell għoli għall-proċess, li jikkonċernaw total ta' 1 067 konvenut. Dawn kienu jinkludu ministri fil-kariga jew eks ministri, deputati, senaturi, jew persuni li għandhom kariga politika jew pubblika ta' livell għoli fl-amministrazzjoni lokali. Fl-istess perjodu, il-Qrati ddeċidew dwar il-kundanna finali ta' 564 konvenut f'każijiet imħarrka mid-DNA u ordnaw il-konfiska ta' assi li jammontaw għal valur ta' kważi EUR 24 miljun. L-entitajiet tal-Istat saru intitolati li jirkupraw aktar minn EUR 43 miljun bi preġudizzju f'kawżi dwar id-DNA wara deċiżjonijiet finali tal-qorti. Dawn ir-riżultati jikkonfermaw ix-xejra pożittiva nnutata fl-2021.

Madankollu, għad fadal sfidi operazzjonali għall-ħidma kontra l-korruzzjoni f'livell għoli. Ir-reklutaġġ kien ta' sfida, għalkemm ġie nnutat xi titjib fir-rata ta' okkupanza tad-DNA li issa laħqet it-78 %, skont id-data pprovduta lill-Kummissjoni. Ir-rekwiżit ta' anzjanità għolja kien ġie identifikat bħala raġuni ewlenija għan-numru limitat ta' applikazzjonijiet biex jimtlew il-postijiet tax-xogħol battala eżistenti¹⁰². Madankollu, billi l-Qorti Kostituzzjonali ddikjarat antikostituzzjonali li li tnaqqas ir-rekwiżit ta' anzjanità għal seba' snin¹⁰³, ir-rekwiżit ta' anzjanità għall-ħatra fid-DNA ma nbidilx fil-liġijiet tal-ġustizzja riveduti, u hemm fis-seħħ

¹⁰¹ L-Istadju Importanti 431 dwar l-“Evalwazzjoni u l-aġġornament tal-leġiżlazzjoni dwar il-qafas tal-integrità”.

¹⁰² Kif rikonoxxut fil-kontribut mir-Rumanija għar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt, p. 27 u d-Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni (DNA), ir-Rapport tal-Attività tal-2021, p. 8.

¹⁰³ Il-Qorti Kostituzzjonali, id-Deċiżjoni Nru 514, tal-14 ta' Lulju 2021, il-Qorti argumentat li, billi d-DNA hija dipartiment speċjalizzat fl-Uffiċċju tal-Prosekutur marbut mal-QGħKĠ, il-prosekuturi tagħha għandu jkollhom l-istess anzjanità bħall-prosekuturi fl-Uffiċċju tal-Prosekutur marbut mal-QGħKĠ (12-il sena). Id-DNA u d-DIICOT kienu argumentaw li l-anzjanità meħtieġa għall-operazzjoni fi struttura ta' uffiċċju tal-prosekutur ma hijiex prevista fid-dritt kostituzzjonali, u ċċitaw ir-raġunijiet prattiċi wara tnaqqis għal seba' snin ta' anzjanità.

rekwiżit ta' għaxar snin, kif ukoll tliet snin ta' taħriġ obbligatorju fl-Istitut Nazzjonali tal-Maġistratura¹⁰⁴. Minħabba n-nuqqas ta' prosekuturi fid-DNA, id-delegazzjoni, is-sekondar u t-trasferiment jibqgħu għodod importanti¹⁰⁵. Il-modifiki miġjuba mil-liġijiet il-ġodda tal-ġustizzja rigward il-proċedura ta' reklutaġġ ta' prosekuturi regolari fid-DNA, li għet ittrasferita mill-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura għad-DNA, jidhru wkoll li qed jgħinu biex jintlaħaq dan l-oġettiv. L-indirizzar tal-isfidi operazzjonali tad-DNA, inkluż fir-rigward tar-reklutaġġ tal-prosekuturi, huwa rakkomandazzjoni fir-Rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt u l-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tar-Rumanija jinkludi impenn biex ir-rata ta' okkupanża għad-DNA tiżdied għal 85 % sat-30 ta' Ġunju 2023¹⁰⁶.

Iż-żarmar tal-SIIJ (ara wkoll il-Parametru Referenzjarju Wieħed) huwa ta' rilevanza partikolari għall-ħidma biex tiġi miġġielda l-korruzzjoni f'livell għoli. Il-QĠUE nnotat li fil-każ tal-SIIJ, in-nuqqas ta' għarfien espert biex jitwettqu investigazzjonijiet f'każijiet kumplessi ta' korruzzjoni, riżorsi umani insuffiċjenti u ammont kbir ta' xogħol jistgħu kollha jirriskjaw dewmien u effettività mnaqqa fit-trattament tal-każijiet¹⁰⁷. Id-DNA ma reġgħetx kisbet il-kompetenza li tinvestiga l-korruzzjoni fil-ġudikatura, għalkemm il-Kummissjoni ta' Venezja¹⁰⁸ u l-Prosekutur Ġenerali¹⁰⁹ t-tnejn esprimew il-fehma li huwa improbabli li l-istruttura l-għdida tkun f'pożizzjoni aħjar biex twettaq investigazzjonijiet dwar allegazzjonijiet ta' korruzzjoni minn imħallfin u prosekuturi milli servizz ta' prosekuzzjoni speċjalizzat bħad-DNA. Bi ftit xhur biss minn meta l-SIIJ ġie żarmat, għadu kmieni wisq biex jiġi vvalutat jekk l-istruttura l-għdida tistax effettivament tipproċessa reati ta' korruzzjoni fil-ġudikatura¹¹⁰. Tħassib importanti ieħor dwar l-SIIJ kien in-nuqqas ta' ċarezza fl-attribuzzjoni ta' każijiet bejn id-DNA u l-SIIJ, u b'mod partikolari t-trasferiment ta' fajls sħaħ ta' korruzzjoni lil hinn mid-DNA, hekk kif ikun involut imħallef jew prosekutur. Il-liġi l-għdida għandha l-għan li tillimita l-kawżi magħquda għal daww b'fejn "għal raġunijiet ta' tmexxija tajba tal-prosekuzzjoni, il-każ ma jistax jiġi diżassoċjat"¹¹¹. Jekk jiġi implimentat kif suppost, dan jista' jgħin biex jiġi evitat it-tfixkil fl-investigazzjonijiet kontra l-korruzzjoni li dehru fil-

¹⁰⁴ Dispożizzjoni tranżitorja ddewwem sal-2026 l-inklużjoni tal-perjodu ta' taħriġ ta' tliet snin fil-kalkolu tal-anzjanità. Fi żmien qasir, dan jista' jgħin biex tiżdied ir-rata ta' okkupanża fid-DNA.

¹⁰⁵ Fir-rebbiegħa tal-2022, id-DNA operat b'14-il prosekutur delegat minn 145 kariga mimlija (10 % tal-persunal). Il-liġi l-għdida dwar l-istatut tal-liġi tal-maġistrati ma tipprevedi l-ebda delegazzjoni mid-DNA/DIICOT; iżda s-sekondar huwa possibbli lid-DNA/DIICOT minn uffiċċji oħra tal-prosekuzzjoni (darba, għal massimu ta' sena (1)).

¹⁰⁶ L-Istadju Importanti 429 tal-RRP tar-Rumanija.

¹⁰⁷ Kif innotat fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor Din România" u Oħrajn, fil-Kawżi Magħquda C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-294/19, C-355/19 u C-379/19, EU:C:2021:393, il-paragrafu 221-222.

¹⁰⁸ Fl-opinjoni tagħha tal-2022, il-Kummissjoni ta' Venezja rrakkomandat li jerġgħu jiġu stabbiliti l-kompetenzi tas-servizzi ta' prosekuzzjoni speċjalizzati (DNA u DIICOT) biex jinvestigaw u jħarrku wkoll reati fil-mandat tagħhom imwettqa minn imħallfin u prosekuturi, filwaqt li nnotat li "[l]-oġettiv taż-żarmar tas-[SIIJ] għandu jkun li tiġi żgurata aktar effikaċja fl-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati - l-aktar importanti ta' korruzzjoni - imwettqa minn imħallfin u prosekuturi. Mhuwiex plawżibbli li struttura ta' prosekuturi mhux speċjalizzati fil-livell tal-uffiċċji tal-prosekutur marbuta mal-QGħKĠ u daww marbuta mal-qrati tal-appell se jkun f'pożizzjoni aħjar biex iwettqu investigazzjonijiet dwar allegazzjonijiet ta' korruzzjoni minn imħallfin u prosekuturi mis-servizz ta' prosekuzzjoni speċjalizzat eżistenti DNA." (ara Il-Kummissjoni ta' Venezja, Opinjoni dwar l-abbozz ta' liġi li żżarma t-taqsima għall-investigazzjoni ta' reati kriminali mwettqa fil-ġudikatura (CDL-AD(2022)003, il-punt 37).

¹⁰⁹ Sottomissjoni bil-miktub li waslet mill-Prosekutur Ġenerali fil-kuntest taż-żjara tal-pajjiż għar-rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt.

¹¹⁰ Ara wkoll taħt il-Parametru Referenzjarju Wieħed dwar il-fokus attwali tal-ħidma biex jiġi pproċessat ix-xogħol b'lura u tingħata prijorità lill-każijiet.

¹¹¹ L-Artikolu 3(5) tal-Liġi l-għdida. F'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn żewġ uffiċċji tal-prosekuzzjoni, il-Prosekutur Ġenerali jiddeċiedi jekk il-kawżi jibqgħux magħquda.

passat¹¹². Sa issa ma ġie rrapportat l-ebda inċident u ma ġie rreġistrat l-ebda każ fejn kien meħtieġ l-arbitraġġ dwar il-kompetenza mad-DNA. Ir-rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt inkluda rakkomandazzjoni speċifika li tenfasizza l-impatt tas-sistema l-għdida fuq l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati ta' korruzzjoni fil-ġudikatura.

Il-proċess ta' reviżjoni fit-tul tal-kodiċijiet kriminali (ara l-Parametru Referenzjarju Wieħed) kellu impatt fuq il-ġlieda kontra l-korruzzjoni. Żewġ deċiżjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali kellhom il-konsegwenza li jtemmu l-proċeduri kriminali f'kawżi ta' korruzzjoni kontra politiċi nazzjonali, billi għamlu sentenzi tal-qorti nulli u bla effett ibbażati fuq il-kwistjoni tal-kompożizzjoni tal-kulleġġi tal-qorti¹¹³. Fl-istess ħin, wara sentenza tal-QGUE¹¹⁴, f'April 2022 il-QGħKĠ ikkonfermat sentenzi ta' ħabs f'kawża ta' profil għoli mill-2018, li kienet ġiet sospiża għal raġunijiet ta' kompożizzjoni illegali tal-qorti¹¹⁵. F'Mejju 2022, il-QGħKĠ iddeċidiet f'kawża oħra bi profil għoli, filwaqt li implimentat is-sentenza tal-QĠUE msemmija hawn fuq biex tinjora l-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali dwar il-legalità tal-kompożizzjoni tal-kulleġġi tal-imħallfin, u kkundannat lill-akkużat ewlieni għal prigionerija għal tixhim¹¹⁶.

Kif stabbilit hawn fuq, in-nuqqas ta' tweġiba leġislattiva għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali dwar l-istatut ta' limitazzjoni kellu impatt kbir fuq każijiet li għadhom għaddejjin. Dan huwa partikolarment minnu fil-każ ta' każijiet ta' korruzzjoni¹¹⁷. Skont stima ppubblikata mid-DNA, total ta' 557 kawża kriminali taħt prosekuzzjoni kriminali jew pendenti quddiem il-qorti jistgħu konsegwentement jintemmu¹¹⁸. Filwaqt li l-preġudizzju eżatt jeħtieġ li jiġi vvalutat każ b'każ, id-DNA tistma li l-ħsara f'dawn il-każijiet hija ta' madwar EUR 1,2 biljun u l-ammont totali ta' tixħim u influwenza ta' madwar EUR 150 miljun. Għalkemm għad fadal mezz tal-liġi ċivili għall-irkupru ta' xi wħud mill-preġudizzju, il-waqfien tal-proċedimenti kriminali f'għadd tant kbir ta' każijiet ta' korruzzjoni jista' jkollu impatt sinifikanti fuq l-isforzi biex tiġi miġġielda l-korruzzjoni ta' livell għoli u l-konsegwenzi reali tagħha u l-azzjonijiet ta' mitigazzjoni possibbli se jiġu mmonitorjati mill-qrib mill-Kummissjoni, anki fid-dawl tas-sentenza tal-QĠUE li l-liġi tal-UE tipprekludi l-applikazzjoni ta' regoli nazzjonali jew prattika nazzjonali simili għall-ġurisprudenza tal-Qorti Kostituzzjonali jekk tkun kapaċi twassal għal riskju sistemiku ta' impunità għal reati ta' korruzzjoni jew atti ta' frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni¹¹⁹. Ir-riskju li eluf ta' konvenuti ma jiffaċċjawx responsabbiltà kriminali wassal għal kritika kbira fir-Rumanija.

¹¹² Sa issa d-DNA ma rrapportat l-ebda inċident relatat ma' din il-kwistjoni.

¹¹³ Il-Qorti Kostituzzjonali tar-Rumanija, id-Deċiżjonijiet Nru 685/2018 u nru 417/2019. Il-Qorti Kostituzzjonali ddeċidiet li l-prattika tal-ħatra ta' membri *de jure* fil-kompożizzjoni tal-bordijiet ta' ħames imħallfin tal-QGħKĠ kienet tmur kontra r-regola li kienet tirrikjedi li l-membri kollha jintgħażlu bil-polza. Hija ddeċidiet ukoll li l-QGħKĠ naqset milli tistabbilixxi bordijiet speċjalizzati ta' tliet imħallfin biex jittrattaw fl-ewwel istanza reati ta' korruzzjoni. Għal aktar dettalji, ara r-rapport tal-2020 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fir-Rumanija, p. 10.

¹¹⁴ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Diċembru 2021, Euro Box Promotion e.a., fil-Kawżi Magħquda C-357/19, C-379/19, C-547/19, C-811/19 u C-840/19.

¹¹⁵ Id-Deċiżjoni tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja tas-7 ta' April 2022.

¹¹⁶ Id-Deċiżjoni tal-Qorti Għolja tal-Kassazzjoni u l-Ġustizzja tal-10 ta' Mejju 2022 fil-Kawża 105/1/2019.

¹¹⁷ Lil hinn minn każijiet ta' korruzzjoni, skont stima pprovduta mill-uffiċċju tal-prosekuzzjoni speċjalizzat li jittratta t-terroriżmu u l-kriminalità organizzata, total ta' 605 każijiet li għadhom għaddejjin, b'dannu finanzjarju totali stmat ta' aktar minn EUR 1 biljun, jiġu affettwati fil-qasam ġestit mid-DIICOT. Stimi mill-uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali dwar reati oħra ma kinux disponibbli.

¹¹⁸ DNA, stqarrija għall-istampa tat-28 ta' Ottubru 2022, <https://www.pna.ro/comunicat.xhtml?id=11549>.

¹¹⁹ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Diċembru 2021, Euro Box Promotion e.a., fil-Kawżi Magħquda C-357/19, C-379/19, C-547/19, C-811/19 u C-840/19. Għal aktar dettalji, ara r-rapport tal-2022 dwar l-Istat tad-Dritt, il-Kapitolu tal-Pajjiż dwar is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fir-Rumanija, p. 14.

Mill-aħħar rapport tal-MKV tal-2021 ġew irrapportati bidliet rikorrenti fil-kompożizzjoni tal-panels bilqiegħda f'każijiet kriminali. Konsegwentement, meta bord tal-appell ikun magħmul minn żewġ imħallfin u mħallef huwa sostitwit, il-kulleġġ ġudikanti kollu jiġi miċħud u l-proċess kollu tal-amministrazzjoni tal-evidenza jrid jerġa' jibda. Dan johlq sitwazzjoni kritika għal każijiet li se jsiru preskritti kmieni fl-2023. Il-Prosekutur Ġenerali ressaq l-idea li l-imħallfin jiġu rriżervati sabiex jiġi evitat ix-xoljiment tal-bord.

Ir-rekord pożittiv fl-effettività tal-investigazzjoni u s-sanzjonar tal-korruzzjoni ta' livell għoli kompli matul l-2021 u l-2022. Se jkun importanti li jiġi żgurat li din l-effettività tkun tista' tinżamm b'mod sostenibbli (ara wkoll l-Ewwel Parametru Referenzjarju), inkluż permezz tal-istabbilizzazzjoni ta' qafas legali kriminali xieraq u tad-dispożizzjonijiet rilevanti fil-liġijiet tal-ġustizzja. Il-qafas ġenerali, u kif ir-Rumanija se tkompli tindirizza l-isfidi operazzjonali li qed jiffaċċja d-Direttorat Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni, essenzjali għaż-żamma tas-sostenibbiltà tal-progress kontinwu, se jiġu segwiti mill-qrib fil-kamp ta' applikazzjoni tal-monitoraġġ tal-Kummissjoni skont ir-rapport dwar l-Istat tad-Dritt.

It-tneħħija tal-immunità tal-Membri tal-Parlament

Ir-Rakkomandazzjoni tal-MKV tal-2017: Jiġu adottati kriterji oġġettivi għal meta tittieħed deċiżjoni dwar it-tneħħija tal-immunità tal-Membri tal-Parlament, u dwar il-motivazzjoni ta' dan, biex jgħinu ħalli jkun żgurat li l-immunità ma tintużax biex tiġi evitata l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati ta' korruzzjoni. Il-Gvern jista' wkoll jikkunsidra li jimmodifika l-liġi biex l-immunità tal-ministri tiġi limitata għaż-żmien fil-kariga. Dawn il-passi jistgħu jiġu meġġuna mill-Kummissjoni ta' Venezja u mill-GRECO. Jenħtieġ li l-Parlament jistabbilixxi sistema biex jirrapporta b'mod regolari dwar id-deċiżjonijiet meħuda mill-Kmamar dwar talbiet għat-tneħħija tal-immunitajiet u jista' jorganizza dibattitu pubbliku sabiex il-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura u s-soċjetà ċivili jkun jistgħu jirreaġixxu.

Din ir-rakkomandazzjoni tikkonċerna l-akkontabbiltà tal-Parlament fid-deċiżjonijiet tiegħu dwar talbiet mill-prosekuzzjoni biex jawtorizza miżuri preventivi bħal tfittxijiet jew arresti u dwar talbiet għall-awtorizzazzjoni ta' investigazzjoni ta' Membru tal-Parlament meta jkun ukoll Ministru jew kien Ministru. Fil-passat, in-nuqqas ta' motivazzjoni tad-deċiżjonijiet meħuda mill-Parlament - kif ukoll l-għadd ta' okkażjonijiet meta l-Parlament ma ppermettix li ssir investigazzjoni - wassal għal tħassib dwar l-oġġettività ta' dawn id-deċiżjonijiet.

Ir-rapport tal-MKV tal-2021 ikkonkluda li l-approċċ fil-Parlament evolva f'direzzjoni pożittiva¹²⁰ u dan kompli. Mill-aħħar rapport tal-MKV 'l hawn kien hemm biss żewġ każijiet ta' talbiet għat-tneħħija tal-immunità mid-DNA, it-tnejn li huma approvati malajr mill-Parlament¹²¹. Barra minn hekk, fis-7 ta' Novembru 2022, is-Senat immodifika r-regoli ta' proċedura tiegħu biex jintroduċi kriterji oġġettivi definiti biex jiddeċiedi dwar talbiet għat-tneħħija tal-immunitajiet parlamentari, fuq il-linji diġà fis-seħħ fil-Kamra tad-Deputati¹²². Il-

¹²⁰ Il-Kamra tad-Deputati emendat ir-regoli ta' proċedura tagħha fl-2019 biex tintroduċi referenza speċifika għall-kriterji stabbiliti fir-rapport tal-Kummissjoni ta' Venezja dwar l-għan u t-tneħħija tal-immunità parlamentari. Fir-rapport tiegħu ta' Marzu 2021, GRECO jinnota li rekwiżit informali għall-korpi tal-prosekuzzjoni biex jissottomettu l-fajl kollu meta jkun qed imexxu l-prosekuzzjoni ta' ministru jew eks-Ministru li huwa wkoll membru tal-Parlament apparentement tneħħa permezz ta' ittra. Greco RC4(2021).

¹²¹ Talba waħda kienet tikkonċerna l-approvazzjoni għal tfittxija fil-każ ta' Membru tal-Kamra tad-Deputati, l-oħra kienet tikkonċerna l-approvazzjoni ta' investigazzjoni kriminali fir-rigward ta' Ministru fil-kariga. Iż-żewġ talbiet ġew indirizzati lill-Kamra tad-Deputati.

¹²² <https://www.monitoruloficial.ro/Monitorul-Oficial--PI--1074--2022.html>.

konformità mar-regoli fis-seħħ se tkun importanti biex jiġi żgurat li jinżamm l-approċċ attwali.

Ir-responsabbiltà tal-Parlament fid-deċiżjonijiet tiegħu dwar talbiet mill-prosekuzzjoni biex jiġu awtorizzati miżuri preventivi u dwar talbiet għall-awtorizzazzjoni tal-investigazzjoni tal-Membri tal-Parlament kienet ukoll qasam importanti ta' monitoraġġ taħt il-MKV. Ir-rapport tal-MKV tal-2021 ikkonkluda li l-approċċ fil-Parlament kien evolva b'mod pożittiv, u d-deċiżjoni reċenti tas-Senat li jintroduċi kriterji oġġettivi definiti biex jiddeċiedi dwar talbiet għat-tneħħija tal-immunitajiet parlamentari tfisser li ż-żewġ kmamar għandhom fis-seħħ salvagwardji ta' trasparenza importanti fuq bażi permanenti. Il-Kummissjoni se tkompli ssegwi l-iżviluppi fil-kuntest tal-monitoraġġ skont ir-Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt.

Is-sitwazzjoni fir-rigward tat-Tielet Parametru Referenzjarju żammet momentum pożittiv mill-2021. Fuq il-bażi tal-analiżi, ir-rakkomandazzjonijiet kollha jistgħu jitqiesu ssodisfati b'mod sodisfaċenti. Se jkun importanti li jinżamm dan ir-rekord pożittiv. Bħal fil-każ ta' Stati Membri oħra, ir-rapport dwar l-Istat tad-Dritt jimmonitorja l-mod kif ir-Rumanija tkompli tindirizza l-isfidi li fadal u dawk ġodda fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni ta' livell għoli u l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tagħha.

2.4. Ir-Raba' Parametru Referenzjarju: L-indirizzar tal-korruzzjoni fil-livelli kollha

Mir-rapport tal-MKV ta' Ġunju 2021, l-Uffiċju tal-Prosekuzzjoni Ġenerali kompla l-prosekuzzjoni effettiva tal-korruzzjoni u ta' reati assimilati mal-korruzzjoni¹²³. Madankollu, in-nuqqas ta' riżorsi umani fil-ġudikatura¹²⁴ u l-mezzi tekniċi limitati għal tekniki ta' investigazzjoni speċjali disponibbli għall-Ministeru Pubbliku għandhom impatt fuq l-investigazzjonijiet fil-kompetenza tiegħu. Id-Direttorat Ġenerali Kontra l-Korruzzjoni (DGA) fil-Ministeru tal-Intern kompla jwettaq il-ħidma tiegħu f'kooperazzjoni tajba mal-Prosekuzzjoni.

L-istrateġija Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni

Ir-Rakkomandazzjoni tal-2017: Titkompla l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni, filwaqt li jiġu rispettati l-iskadenzi stabbiliti mill-gvern f'Awwissu 2016. Jenħtieġ li l-Ministru tal-Ġustizzja jistabbilixxi sistema ta' rapportar dwar l-implimentazzjoni effettiva tal-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni (inkluża statistika dwar inċidenti ta' integrità fl-amministrazzjoni pubblika, dettalji ta' proċeduri dixxiplinari u sanzjonijiet u informazzjoni dwar il-miżuri strutturali applikati f'oqsma vulnerabbli).

Ir-rapport tal-MKV tal-2021 ikkonkluda li hemm bżonn iktar xogħol fuq l-Istrateġija nazzjonali Kontra l-Korruzzjoni biex tiġi żgurata implimentazzjoni effettiva u jiżdiedu l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni f'oqsma vulnerabbli u fil-livell lokali.

Strateġija Nazzjonali ġdida Kontra l-Korruzzjoni għall-2021-2025 ġiet approvata mill-Gvern f'Diċembru 2021¹²⁵. It-tnejn tagħha ġiet infurmata minn evalwazzjoni interna u awditu

¹²³ Mir-rapport tal-MKV tal-2021, inqas każijiet ta' prosekuzzjoni kienu jikkonċernaw tixħim meta mqabbla mal-2020 u l-2021, filwaqt li kompliet l-enfasi fuq l-investigazzjoni ta' allegazzjonijiet ta' korruzzjoni li jikkonċernaw uffiċjali tal-amministrazzjoni pubblika.

¹²⁴ F'Lulju 2022, l-iskema tal-persunal tal-Ministeru Pubbliku mtliet biss b'55 % u s-sitwazzjoni kompliet tiddeterjora.

¹²⁵ Dan huwa stabbilit ukoll fl-RRP tar-Rumanija, li l-Istadju Importanti 426 tagħha kien jeħtieġ id-“Dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Gvern li tapprova l-Istrateġija Nazzjonali l-ġdida Kontra l-Korruzzjoni”.

estern imwettaq mill-OECD. L-evalwazzjoni tal-OECD irrikonoxxiet il-passi sinifikanti li ħadet ir-Rumanija lejn it-tisħiħ tal-pulizija tagħha kontra l-korruzzjoni u l-integrità, filwaqt li nnotat ukoll li n-nuqqas ta' appoġġ politiku għall-implimentazzjoni ta' riformi leġislattivi importanti kienet sfida importanti¹²⁶.

L-implimentazzjoni tal-istrateġija 2021-2025 tinsab fit-triq it-tajba. Il-ħidma tiffoka fuq l-oqsma ta' prijorità definiti u l-proċess ta' evalwazzjoni bejn il-pari tal-istituzzjonijiet parteċipanti se jibda f'Diċembru. Rapport ta' nofs it-terminu dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija huwa previst fl-ewwel trimestru tal-2023.

Għaddejji sforzi biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-istrateġija kontra l-korruzzjoni 2021-2025. Qed jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' evalwazzjoni u rappurtar. Din ir-rakkomandazzjoni tista' titqies imwettqa. Il-Kummissjoni se tkompli ssegwi l-implimentazzjoni tal-istrateġija skont ir-Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt.

L-Aġenzija Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Assi Maqbuda

Ir-Rakkomandazzjoni tal-2017: Jiġi żgurat li l-Aġenzija Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Assi Maqbuda hija operazzjonali b'mod sħiħ u effettiv biex tkun tista' toħroġ l-ewwel rapport annwali b'informazzjoni statistika kredibbli dwar il-konfiska ta' assi kriminali. Jenħtieġ li l-Aġenzija tistabbilixxi sistema biex tirrapporta regolarment dwar l-iżvilupp tal-kapaċità amministrattiva, ir-riżultati mill-konfiski u l-ġestjoni tal-assi kriminali.

Il-missjoni tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Ġestjoni ta' Assi Maqbuda (ANABI) hija li tiżgura rata ta' eżekuzzjoni effettiva tal-ordnijiet ta' konfiska maħruġa fi kwistjonijiet kriminali permezz ta' ġestjoni effiċjenti tal-assi maqbuda li jitqassmu lill-Aġenzija mill-prosekuturi u l-imħallfin.

Fl-2022, l-ANABI daħlet fis-sitt sena ta' attività tagħha u qed tiffunzjona b'mod effettiv, billi implimentat Strateġija Nazzjonali għat-Tisħiħ tas-Sistema għall-Irkupru tal-Assi għall-2021-2025. Il-mandat tal-ANABI ġie estiż f'Lulju¹²⁷ u l-Aġenzija qed taħdem biex iżżid il-kapaċità li tintraċċa l-assi kemm nazzjonalment kif ukoll internazzjonalment, ittejjeb il-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni, u tipprovdi għodod ġodda għall-investigazzjonijiet finanzjarji mill-pulizija u l-prosekuturi. L-implimentazzjoni tal-qafas leġislattiv il-ġdid għadha għaddejja, inkluż fir-rigward ta' fondi addizzjonali allokat li lill-Aġenzija. Il-liġi l-ġdida tipprevedi wkoll fond għall-prevenzjoni tal-kriminalità u l-protezzjoni tal-vittmi, punt indikat ripetutament mis-soċjetà ċivili. ANABI qabdet aktar minn EUR 60 miljun fl-2022 meta mqabbla ma' kważi EUR 57 miljun fl-2021. Hija timmaniġġja aktar minn 140 assi mobbli b'valur totali ta' kważi EUR 5,5 miljun¹²⁸.

Ir-rapport tal-MKV tal-2021 ikkonkluda li din ir-rakkomandazzjoni ġiet issodisfata. Dan jista' jiġi kkonfermat.

Fuq il-bażi tal-analiżi tal-Parametru Referenzjarju Erbgħa, ir-rakkomandazzjonijiet kollha jistgħu jitqiesu ssodisfati b'mod sodisfaċenti. Il-Kummissjoni se tkompli ssegwi l-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-livelli kollha fir-Rapporti dwar l-Istat tad-Dritt.

¹²⁶ OECD, Evalwazzjoni tal-Istrateġija Rumena Kontra l-Korruzzjoni 2016-2020.

¹²⁷ Dan kien soġġett ukoll għall-Objettiv Nru 422 tal-RRP tar-Rumanija jirrikjedi d-“Dħul fis-seħħ tal-liġi li temenda s-setgħat tal-Aġenzija Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Assi Maqbuda.”

¹²⁸ Ċifri fil-31 ta' Ottubru 2022, ipprovduti minn ANABI għall-finijiet tar-rapport ta' progress mibgħut lill-Kummissjoni f'Novembru 2022.

3. KONKLUŻJONI

Id-Deċiżjoni li jiġi stabbilit il-MKV fl-2006 kienet parti inerenti mill-proċess ta' adeżjoni tar-Rumanija. Hija offriet mod kif jiġu indirizzati l-kwistjonijiet pendenti fejn kien għadu meħtieġ aktar progress biex tiġi żgurata l-kapaċità tas-sistema ġudizzjarja u tal-korpi tal-infurzar tal-liġi biex jimplimentaw u japplikaw il-miżuri adottati biex jistabbilixxu s-suq intern u l-ispazju ta' libertà, sigurtà, u ġustizzja¹²⁹.

Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-MKV offra qafas għall-kooperazzjoni u l-monitoraġġ biex jakkumpanja l-proċess ta' riforma stabbilit skont il-parametri referenzjarji. Dan daħal f'fażi finali meta r-rendikont pożittiv ta' Jannar 2017 wassal għat-tmax-il rakkomandazzjoni ewlenija. Għalkemm din il-fażi ġiet imtawla bil-hteġa li jiġu indirizzati t-tmien rakkomandazzjonijiet addizzjonali ta' Novembru 2018, aktar reċentement ir-Rumanija ħadmet b'mod konsistenti fuq l-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet, kif rikonoxxut fir-rapport ta' Ġunju 2021. Il-konklużjonijiet ta' dan ir-rapport setgħu jimmarkaw progress kbir fil-qafas legali u istituzzjonali biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet tal-MKV li ilhom jeżistu.

L-evoluzzjoni tax-xenarju tal-istat tad-dritt tal-UE tat kuntest ġdid għall-kooperazzjoni tal-Kummissjoni mar-Rumanija. B'mod partikolari, iċ-ċiklu tar-Rapport annwali dwar l-Istat tad-Dritt issa jipprovdi qafas kontinwu li jippermetti perspettiva fit-tul biex takkumpanja r-riforma sostenibbli, bir-Rumanija kif ukoll ma' Stati Membri oħra.

Iċ-ċiklu annwali tar-rapport dwar l-istat tad-dritt se jippermetti li l-fażi ta' implimentazzjoni ta' ħafna mir-riformi miftiehma tkompli tiġi mmonitorjata fil-prattika. Kwistjonijiet bħar-reġim il-ġdid wara ż-żarmar tat-Taqsima għall-Investigazzjoni ta' Reati fil-Ġudikatura, il-funzjonament tal-Ispezzjoni Ġudizzjarja, ir-riżorsi umani fil-ġudikatura, l-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-qorti mill-amministrazzjoni pubblika, l-impatt tar-reviżjoni li jmiss tal-leġiżlazzjoni kriminali dwar l-effettività tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u l-evoluzzjoni tal-qafas tal-integrità u l-applikazzjoni tiegħu, inkluż mill-Parlament, jistgħu jkomplu jiġu segwiti b'dan il-mod. Dan se jkun parti mill-monitoraġġ tas-sistema ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni bħala tnejn mill-pilastri ewlenin tar-rapporti. Dan huwa konformi mal-impenn tal-gvern Rumani li jikkonsolida, b'mod irriversibbli, il-progress miksub s'issa fil-garanzija tal-indipendenza tal-ġustizzja u l-effiċjenza tagħha, kif ukoll ir-rekord fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni.

L-awtoritajiet Rumani għamluha ċara wkoll li għadd ta' kwistjonijiet immedjati se jiġu segwiti kif meħtieġ fix-xhur li ġejjin. Ir-Rumanija impenjat ruħha li tkompli tanalizza u tqis bl-akbar reqqa l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja, dwar il-Liġijiet dwar il-Ġustizzja u b'mod aktar ġenerali jekk ikunu meħtieġa aktar azzjonijiet. Hija impenjata wkoll li tlesti r-reviżjoni tal-Kodiċi Kriminali u l-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali, biex tiżgura allinjament mad-deċiżjonijiet li ħadet il-Qorti Kostituzzjonali tar-Rumanija sa mill-2016. It-tlestija tar-reviżjoni taż-żewġ Kodiċijiet hija wkoll parti mill-impenji meħuda mir-Rumanija fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tagħha li għandu jiġi adottat sa tmiem l-2022, u l-Kummissjoni se tivvaluta mill-qrib il-kodiċijiet riveduti f'konformità mal-proċeduri speċifiċi previsti f'dak il-kuntest. Kwistjoni immedjata finali se tkun il-kapaċità tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura li jmiss li jikkontribwixxi għall-momentum tar-riforma, u l-Gvern Rumani esprima l-fiduċja tiegħu fil-kapaċità ta' dan il-Kunsill li jagħti impetu ġdid lit-trasparenza u r-responsabbiltà.

¹²⁹ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Diċembru 2006 (C(2006) 6569)

Ir-Rumanija diġà wriet l-impenn qawwi tagħha li taħdem taħt iċ-ċiklu tar-rapport annwali dwar l-istat tad-dritt u tkompli tikkooopera b'mod kostruttiv f'dak il-qafas. B'mod parallel, il-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza tar-Rumanija ppermetta wkoll l-istabbiliment ta' stadji importanti speċifiċi għall-progress.

Il-Kummissjoni hija kunfidenti li issa bil-passi finali ewlenin fis-seħħ, il-kooperazzjoni u l-monitoraġġ tas-sistema ġudizzjarja u l-politiki kontra l-korruzzjoni fir-Rumanija jistgħu jitmexxew 'il quddiem skont ir-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt u partijiet oħra stabbiliti tas-sett ta' għodod tal-istat tad-dritt li japplikaw għall-Istati Membri kollha. Ir-rakkomandazzjonijiet skont ir-Rapporti dwar l-Istat tad-Dritt diġà huma fis-seħħ għal dak l-għan, kif ukoll programmi permezz tal-Istrument ta' Appoġġ Tekniku biex jappoġġaw il-proċess ta' riforma.

Il-Kummissjoni tqis li l-progress li sar mir-Rumanija skont il-MKV huwa biżżejjed biex tissodisfa l-impenji li ħadet ir-Rumanija fil-waqt tas-sħubija tagħha fl-UE.

Huwa importanti li r-Rumanija tkompli taħdem b'mod konsistenti biex issarraff l-impenji li fadal speċifikati f'dan ir-rapport f'leġislazzjoni konkreta u fuq implimentazzjoni kontinwa, fiċ-ċiklu annwali tar-Rapport dwar l-Istat tad-Dritt u bl-appoġġ ta' partijiet oħra tas-sett ta' għodod tal-UE dwar l-istat tad-dritt.

Il-Kummissjoni se tqis kif xieraq l-osservazzjonijiet tal-Kunsill, kif ukoll tal-Parlament Ewropew¹³⁰ qabel ma tieħu deċiżjoni finali dwar ir-Rumanija skont id-deċiżjoni tal-MKV.

¹³⁰ It-tmiem tal-MKV għar-Rumanija se jieħ u l-forma ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/928/KE tat-13 ta' Diċembru 2006 dwar it-twaqqif ta' mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika tal-progress fir-Rumanija sabiex tindirizza punti ta' riferiment speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata (C(2006) 6569).

Anness: Punti ta' riferiment skont id-Deċiżjoni tal-MKV

Parametri referenzjarji li għandhom jiġu indirizzati mir-Rumanija skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 13/XII/2006 li tistabbilixxi mekkaniżmu għall-kooperazzjoni u l-verifika tal-progress fir-Rumanija biex jiġu indirizzati parametri referenzjarji speċifiċi fl-oqsma tar-riforma ġudizzjarja u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni:

Il-Punt ta' Riferiment 1: Tassigura proċess ġudizzjarju aktar trasparenti u effiċjenti partikolarment billi jiġu mtejbja l-kapaċità u l-kontabilità tal-Kunsill Superjuri tal-Maġistratura. Tirrapporta u tissorvelja l-impatt tal-kodiċijiet ġodda tal-proċeduri ċivili u penali

Il-Punt ta' Riferiment 2: Tistabbilixxi, kif previst, aġenzija ta' integrità b'responsabbiltajiet ta' verifikar ta' assi, inkompatibbiltajiet u kunflitti potenzjali ta' interess, u sabiex tiegħu deċiżjonijiet mandatorji fuq il-bażi ta' liema jistgħu jingħataw sanzjonijiet ta' deterrent

Il-Punt ta' Riferiment 3: Tibni fuq il-progress li diġà sar, tkompli tagħmel investigazzjonijiet professjonali u mhux partiġjani dwar allegazzjonijiet ta' korruzzjoni ta' livell għoli

Il-Punt ta' Riferiment 4: Tiegħu aktar miżuri sabiex timpedixxi u tiġġieled il-korruzzjoni, b'mod partikolari fil- gvern lokali